Vol 32
Nru 171
Jannar - Marzu 2011

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031



DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat tal-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2011



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


Qoxra Quddiem:
*Ġerusalemm -*
*Torri ta' David*

# Werrej




8






20





27

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



32


8 Il-Belt ta' David

20 Fit-Triq ta' Damasku... San Pawl l-Appostlu tal-Ġnus

27 L-Omm ta' Ġesù ħdejn is-Salib (1)

32 L-Eżortazzjoni Appostolika *Verbum Domini*

40 Il-Kristjaneżmu li twieled mill-Ġudajiżmu (1)

44 "Demm ta' Kristu, Sakkarni" Riflessjoni mill-Evanġelju




40



## TISLIMA LIL PATRI ĠWANN ABELA

Nhar il-Ħadd 19 ta' Diċembru 2010 ħadna l-aħbar tal-mewt ta' Patri Ġwann Abela ofm, li seħħet fl-istpar San Pietro f'Ruma. Aħbar li ħasditna bħal leħħa ta' berqa. Għal dawn l-aħħar tlettax-il sena Patri Ġwann kien jinsab fil-Kurja Ġenerali tal-Patrijiet Minuri f'Ruma, bħala webmaster u direttur tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-Ordni Franġiskan.

Patri Ġwann twieled ir-Rabat fil-31 ta' Awwissu 1954, bin Carmelo u Victoria Micallef. Daħal Franġiskan bħala postulant fil-kunvent ta' San Franġisk, il-Ħamrun fl-1971. Fit-3 ta' Ottubru 1971 beda n-novizzjat fil-kunvent ta' Sant'Antnin, Għawdex, u fl-1 ta' Ottubru 1972 għamel il-Professjoni temporanja. Studja l-filosofija fil-kunvent tar-Rabat. Fit-22 ta' Awwissu 1976 għamel il-Professjoni solenni. Kompla jistudja t-teoloġija fis-seminarju internazzjonali Franġiskan ta' San Salvatur f'Ġerusalemm. Kienet l-ewwel laqgħa tiegħu mal-Art Imqaddsa, li kellha tibqa' f'qalbu għall-kumplament ta' ħajtu. Fis-7 ta' Lulju 1979 ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons. Ġużeppi Mercieca.

Wara l-ordinazzjoni intbagħat jispeċjalizza fl-istudju tal-Pedagoġija fil-Pontificio Ateneo Antonianum f'Ruma. Meta reġa' lura Malta hu ngħata għall-formazzjoni taż-żgħażagħ bħala animatur tal-vokazzjonijiet u mastru tal-istudenti fil-kunvent tal-Ħamrun. Għex ukoll għal xi żmien fil-kunvent tal-Belt Valletta u fid-Dar "Frate Francesco"



*...editorjal*

*Tislima lil Patri Ġwann Abela*

f'Birkirkara. Kien ukoll segretarju provinċjali u definitur.

Patri Ġwann qeda l-ministeru tiegħu maż-żgħażagħ, u partikolarment bħala kittieb ta' diversi drammi ta' sfond soċjo-reliġjuż, li ttellgħu mill-grupp teatrali "Mask" fl-Istitut Kattoliku, Floriana, bejn l-1982 u l-1996. Aktar tard, meta spiċċa f'Ruma, Patri Ġwann ma abbandunax dan l-apostolat, u kompla jikteb drammi oħrajn li ttellgħu mill-grupp teatrali "Skene" ta' Ħal-Luqa.

Sakemm dam Malta Patri Ġwann kien attiv f'inizjattivi ġodda ta' apostolat ta' ħutu l-patrijiet Franġiskani, l-aktar fiż-Żjara Franġiskana u fil-ministeru ta' counselling bit-telefon, "Servizz Nisimgħek", li kienu ġew illanċjati fl-okkażjoni tat-8 ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk fl-1982.

Patri Ġwann kien pijunier fl-introduzzjoni tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni bl-Internet. Kien bis-saħħa ta' Patri Ġwann li l-Provinċja Franġiskana Maltija kienet waħda minn tal-ewwel fl-Ordni li kellha website tagħha fl-1995. Patri Ġwann kien ukoll dak li ħoloq il-website uffiċjali tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa fl-1996, f'kollaborazzjoni ma' Michael Olteanu, direttur tal-christusrex.org u mal-professuri tal-iStudium Biblicum Franciscanum ta' Ġerusalemm. Fl-1997 Patri Ġwann mar Ruma fil-Kurja Ġenerali tal-Franġiskani, fejn mexxa wkoll il-website tal-Ordni sa mewtu.

Ir-rabtiet ta' Patri Ġwann mal-Kustodja tal-Art Imqaddsa huma profondi. Għal 30 sena ħadem id f'id mal-arkeologu Patri Michele Piccirillo, li miet fis-26 ta' Ottubru 2008, fl-iskavi annwali ta' siti Biżantini fil-Ġordanja (Nebo, Machaerus, Madaba, Umm al-Rasas, Mukhayyet, Wadi Mousa, Ain Kaniseh), taħt id-direzzjoni tal-Istitut Arkeoloġiku Franġiskan tal-iStudium Biblicum Franciscanum. Għalkemm ta' karattru riservat u dejjem jaħdem wara l-kwinti, Patri Ġwann kien l-id il-leminija ta' Patri Piccirillo, li jsemmih bosta drabi fil-publikazzjonijiet tiegħu.

Il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta hu obbligat lejn Patri Ġwann. Kien hu li ppubblika l-Gwida għall-pellegrini fl-Art Imqaddsa, intitolata "L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani", u ktieb dwar il-ġeografija tal-Art Imqaddsa intitolat "Il-Bibbja fl-Ambjent tagħha". Mexxa bosta gruppi ta' pellegrini Maltin, kif ukoll gruppi mill-Istati Uniti u l-Kanada. L-aħħar servizz prezzjuż li Patri Ġwann ta lill-Kummissarjat kien li ħoloq sezzjoni ġdida dwar il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta fil-website i-tau.org li kien imexxi flimkien ma' grupp

ta' patrijiet Franġiskani Maltin li magħhom Patri Ġwann ikkollabora f'diversi inizjattivi.

Il-funeral ta' Patri Ġwann sar b'mod solenni fil-Kurja Ġenerali tal-Franġiskani fl-20 ta' Diċembru, u tmexxa mill-Ministru Ġeneral tal-Ordni, Patri José Rodriguez Carballo ofm, li kien sieħbu meta kienu studenti f'Ġerusalemm. Il-fdalijiet tiegħu mbagħad inġabu Malta għal funeral ieħor li sar fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat, fit-23 ta' Diċembru, minn fejn imbagħad ittieħed għad-difna fil-kappella tal-patrijiet fiċ-ċimiteru tal-Addolorata.

Patri Ġwann kien bniedem sieket, bieżel u lest li jgħin f'kull ħin. Ma kienx jieħu ħsieb tiegħu nnifsu biex jaqdi lill-oħrajn. Ħalliena meta kellu biss 56 sena.

F'isem il-qarrejja kollha ta' din ir-Rivista, li hu iddisinja personalment u tant ħadem għaliha, insellimlu bħala ħabib kbir tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa, u Franġiskan veru li għadda wkoll minn mumenti ta' tbatija u qtigħ il-qalb, imma li jgħallimna l-kuraġġ u l-perseveranza fil-grazzja tax-xogħol b'riżq l-Art ta' Ġesù.

# OMELIJA TAL-ĠENERAL TAL-FRANĠISKANI FIL-FUNERAL TA' PATRI ĠWANN ABELA OFM

***P. José Rodriguez Carballo ofm, Ministru Ġeneral***



Fil-Quddiesa tal-funeral ta' Patri Ġwann Abela fil-Knisja ta' Santa Marija Medjatriċi, fil-Kurja Ġenerali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri f'Ruma, li sar fl-20 ta' Diċembru 2010, Patri José Rodriguez Carballo ofm, Ministru Ġeneral tal-Franġiskani, għamel din l-Omelija.

Għeżież ħuti, il-Mulej jagħtikom is-sliem!

Ftit ġranet biss qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-Milied tal-Iben ta' Alla u Ħuna, il-Mulej tal-ħajja reġa' deher fostna għal darba oħra, din id-darba fil-ħajja tal-Fraternità tagħna tal-Kurja Ġenerali, biex jieħu miegħu wieħed ieħor minn ħutna, ħuna l-għażiż, Patri Ġwann Abela, li twieled Malta fl-1954, daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri fl-1971 u kien ordnat saċerdot fl-1979.

Matul il-jiem tal-marda tiegħu aħna tlabna intensament għalih, u tlabna li jsir miraklu bl-interċessjoni tal-Beatu Ġwanni XXIII. Il-miraklu ma seħħx, almenu skont dak li konna qegħdin nistennew aħna u skont ix-xewqat tagħna. Imma jekk naħsbu sewwa, ikollna ngħidu li l-Mulej – ukoll jekk ma taniex dak li aħna konna qegħdin nitolbu u li konna nixtiequ b'qalbna kollha, jiġifieri l-fejqan ta' dan ħuna – kien diġà qed jaħdem miraklu akbar, il-miraklu li bih tana dan il-patri twajjeb u ġeneruż.

Patri Ġwann, fil-fatt, kien dan kollu għalina lkoll! Jiena sirt nafu fl-1974, meta wasal Ġerusalemm biex jistudja t-teoloġija fil-kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm, fejn jiena kont ninsab sa minn sena qabel. Fl-1978 aħna infridna minn xulxin, hu reġa' lura Malta u jiena mort Spanja. Imma fl-1997 il-Providenza reġgħet għaqqditna flimkien fil-Kurja Ġenerali, hu fl-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet tal-Ordni u jiena bħala Definitur Ġenerali. Kienu ħafna s-snin li qattajna flimkien. Konna nafu lil xulxin u konna ninħabbu bħal aħwa. Għalija, l-Ħadd 19 ta' Diċembru, fid-9.30 am, ħallieni ħija, sieħbi fl-istudji u fil-ħajja, ħabib. Minn meta kont sirt nafu, fil-fatt, jiena dejjem kelli relazzjoni

mill-qrib u ħbiberija fraterna ma' Patri Ġwann. Qatt ma kont naħseb li kien se jmiss lili li naqdi dan id-dmir, li għalija hu ta' niket kbir, ta' mħabba kristjana u fraternità Franġiskana: jiġifieri li ngħaddih f'idejn Alla.

Għal din il-viċinanza u ħbiberija, li rabtuni ma' Patri Ġwann, nista' ngħid li hu kien bniedem twajjeb, profondament uman, ta' qalb kbira u ta' karattru li jħobbu kulħadd; kien Patri Minuri li kien iħobb il-vokazzjoni Franġiskana tiegħu; kien bniedem li skopra l-"grazzja" tax-xogħol; kien professjonista kapaċi li kien jaf tajjeb is-servizz li l-ubbidjenza kienet ħalliet f'idejh, jiġifieri l-arti tal-komunikazzjoni; kien wieħed mill-aħwa li kien dejjem disponibbli biex jgħin, mingħajr ma jagħti kas ta' orarji jew kundizzjonijiet li fihom kien jiġi mitlub biex jagħti s-servizzi l-aktar varjati, hekk li ma kienx jaħseb fih innifsu, imma pjuttost dejjem fl-oħrajn. Ukoll jekk kien dejjem iħossu ħieles li jesprimi dak li kien jaħseb dwar il-ħajja Franġiskana, u wkoll jekk dawn il-ħsibijiet mhux dejjem kienu jaqblu magħhom dawk li kienu jisimgħuh, hu dan kien dejjem jagħmlu għax imqanqal mill-imħabba lejn il-familja reliġjuża tiegħu. Hekk kien iħoss l-Ordni Franġiskan u l-Provinċja maħbuba tiegħu ta' Malta, bħala l-familja tiegħu.

U din l-imħabba kienet tinħass, anzi kont tmissha b'idejk; għalhekk kulħadd kien jisma' lil Patri Ġwann bil-qalb u kien jirrispetta l-mod kif kien jaħsibha. Fil-ħajja ta' Patri Ġwann kien hemm żewġ imħabbiet oħrajn: l-imħabba lejn l-Art Imqaddsa u l-imħabba lejn il-familja tiegħu, partikolarment lejn ommu u lejn ħuh. Għall-Art Imqaddsa iddedika ħafna mill-enerġiji tiegħu, kemm bħala gwida tal-pellegrini, bħala koordinatur tal-formazzjoni permanenti tal-Patrijiet, u billi kien jieħu sehem b'mod attiv fl-iskavi fil-Ġordanja, li kienu mmexxijin mill-ħabib u mgħallem kbir tiegħu, Patri Michele Piccirillo, li wkoll miet ftit aktar minn sena ilu. Għall-familja tiegħu Patri Ġwann kien jaħseb il-ħin kollu, ukoll meta kien fl-isptar, għax xtaq li jtaffi kull tip ta' tbatija, speċjalment lil ommu.

Fl-Evanġelju li l-Knisja tippreżentalna llum, f'dan il-jum hekk qrib tal-Milied, Marija, l-Verġni Omm, quddiem il-misteru ta' Alla, tistaqsi: kif jista' jkun dan? Nistqarr magħkom li l-istess mistoqsija tiġini f'moħħi diversi drabi f'sitwazzjoni bħal din, meta jiġifieri l-Mulej isejjaħ għal għandu persuna maħbuba u wieħed mill-aħwa u ħbieb għeżież, u wkoll ta' età żagħżugħa, bħal Patri Ġwann. Jien ukoll għamilt din il-mistoqsija, b'mod partikulari meta mietet ommi, li wkoll kienet żgħira, u meta mietu Patri Antonio Franjic u Patri Sean Collins, li kienu wieħed Vigarju Ġenerali u l-ieħor Segretarju Ġenerali tal-Ordni, fis-sitt snin li għaddew. It-tweġiba dejjem kienet l-istess: it-toroq tiegħi mhumiex it-toroq tagħkom, il-ħsibijiet tiegħi mhumiex il-ħsibijiet tagħkom (Is 55,8-9). U wkoll: dawn huma tiegħi u jiena rrid li fejn inkun jien ikunu huma wkoll (cf. Ġw 17,24). Iva, għeżież ħuti, mhux dejjem it-toroq tagħna u l-ħsibijiet tagħna jaqblu ma' dawk tal-Mulej. Mill-banda l-oħra aħna tal-Mulej: kien hu li ħalaqna u aħna tiegħu (Sal 100,3). Hawnhekk aħna ninsabu f'passaġġ, pellegrini u barranin, kif jikteb fir-Regola Missierna San Franġisk (Rb 6,2). Id-dar definittiva tagħna tinsab qrib il-Missier tal-ħniena (2Kor 1,3). Hekk hu għaliex irridu nkunu mħejjija f'kull ħin (cf. Mt 24,44): il-Mulej jista' jiġi filgħodu, f'nofsinhar jew filgħaxija tal-ħajja tagħna. Dan kollu tfakkarhulna l-mewt ta' ħuna Patri Ġwann, li skont il-kalkoli tagħna, kien għadu żgħir wisq biex iħallina, jew aħjar, biex jiġi msejjaħ. Tassew, il-ħsibijiet tal-Mulej mhumiex il-ħsibijiet tagħna. Għalina dan hu ż-żmien biex nishru, fil-fiduċja li l-Mulej se jiġi biex isalvana; dan ma jeskludix l-impenn ta' dawk li jafu li jeħtieġ inħaddmu t-talenti li tagħna l-Mulej (cf. Mt 25,14).

Ħuti, iż-żmien liturġiku tal-Avvent, li dalwaqt nikkonkludu, jippreparana biex infakkru l-ewwel Milied tal-Mulej, imma wkoll l-aħħar miġja tas-Salvatur u tal-laqgħa definittiva tagħna miegħu permezz ta' oħtna l-mewt. J'Alla jsibna disponibbli kif kienet Marija meta ġie jżurha l-Anġlu, hekk li nkunu nistgħu ngħidu bħalha: hawn jien. Jalla l-Mulej, li hu l-muftieħ ta' David, f'dak il-ħin jiftħilna l-bibien tas-Saltna tas-smewwiet, jiġi u jeħlisna mid-dlam tal-ħażen, kif nitolbu llum fl-antifona maġġuri. Jalla l-Mulej, li jgħidilna li t-tul ta' ħajjitna hu bħal nifs, jgħallimna ngħoddu l-jiem tagħna biex naslu għall-għerf tal-qalb (cf. Sal 89).

Patri Ġwann miet fil-jum li fih il-liturġija kienet tipproponielna bħala persunaġġ ċentrali l-figura ta' Ġużeppi, l-għarus ta' Marija. Bħal kull Malti li twieled ir-Rabat u kiber għad-dell tal-Knisja ta' San Ġużepp, Patri Ġwann ukoll kellu devozzjoni profonda lejn il-missier legali ta' Ġesù u l-patrun tal-Knisja Universali, kif ukoll tal-mewta tajba. Lill-Missier tal-ħniena, lil Marija u lil Ġużeppi nirrikmandaw lil ħuna Patri Ġwann Abela. Inħallu f'idejn il-Mulej, li tiegħu hi l-art u kull ma fiha (Sal 23) lil dan ħuna, sabiex ikun jista' jitla' fuq il-muntanja tal-Mulej (cf. Sal 23) u jistrieħ fil-paċi tiegħu. Ninqdew bil-kliem tal-Għanja tal-Għanjiet, biex ngħidu li għal Patri Ġwann, wara marda mhux faċli, issa għaddiet ix-xitwa u ntemmet ix-xita, u reġa' lura ż-żmien tal-għana. Għalih, fil-qieragħ tax-xitwa, diġà dehret ir-rebbiegħa eterna fejn il-leħen tal-gamiema jibqa' dejjem jinstema' (cf. Għan 2,8ss).

Għażiż Patri Ġwann, sieħbi u ħabib, b'niket profond, imma wkoll b'fiduċja li ma nistax infissirha fil-Mulej li ħabbek u li sejjaħlek biex tagħmel parti mill-Familja Franġiskana tagħna, jiena u aħna lkoll ngħidulek: il-Milied it-tajjeb fid-Dar tal-Missier. Itlob għalina, filwaqt li aħna nitolbu għalik. Nagħtuk tgħannieqa lkoll kemm aħna.





# IL-BELT TA' DAVID

*Noel Muscat ofm*

Ġerusalemm kif nafuha llum għadha taħbi diversi tifkiriet bibliċi taħt l-art. L-arkeologi Israeljani ilhom jippruvaw joħorġu għad-dawl dak li fadal mill-belt ta' Ġerusalemm mirbuħa mis-sultan David, li għażilha bħala l-belt kapitali tas-saltna tiegħu. Nibdew billi nagħtu deskrizzjoni qasira tat-topografija ta' Ġerusalemm, biex inkunu nistgħu nifhmu l-importanza li l-belt kellha għall-istorja biblika anke qabel il-perjodu tal-Ewwel Tempju, jiġifieri, meta David rebaħ din il-belt li kienet insedjament tal-Ġebusin.

Il-belt ta' Ġerusalemm tinsab madwar 750 metri fuq il-livell tal-baħar, għalkemm f'xi postijiet hi aktar għolja, bħal fil-każ tal-Għolja taż-Żebbuġ, li tinsab biswit il-belt fuq il-lvant, li togħla għal 830 metri. Il-belt il-qadima, li llum hi mdawra bis-swar mibnijin mis-sultan Ottoman Suleiman il-Manjifiku (1535-1538) ma kinetx tokkupa l-istess sit li tokkupa llum. Fil-fatt nistgħu ngħidu li l-belt imxiet lejn it-tramuntana. L-eqdem parti tal-belt, fil-fatt, illum tinsab barra mis-swar. Hi ż-żona tax-xaqliba tan-nofsinhar tal-Għolja tat-Tempju, magħrufa bħala Ofel fil-parti aktar għolja tagħha u bħala l-Belt ta' David fil-parti li xxaqleb lejn il-widien.

Ġerusalemm kienet mibnija fuq ix-xifer tal-katina tal-għoljiet tal-Lhudija f'pożizzjoni strateġika tajba. Lejn il-lvant il-belt tiddomina fuq il-Wied tal-Kedron, u lejn il-lbiċ fuq il-Wied ta' Ħinnom. Il-Belt ta' David kienet mibnija fuq ilsien ta' art li hu aktar baxx mill-kumplament tal-belt tal-lum, fil-post fejn jiltaqgħu dawn iż-żewġ widien. L-istess belt, iżda, hi wkoll maqsuma minn wied ieħor li jsegwi direzzjoni mit-tramuntana għan-nofsinhar. Dan il-wied illum bilkemm għadu jidher, imma fl-antikità kien jissejjaħ il-Wied ta' Tyropoeon. Għalkemm l-isem popolari tiegħu jista' jirreferi għall-espressjoni "Wied ta' dawk li jagħmlu l-ġobon", meta l-isem ġie introdott mill-istoriku Lhudi Josephus Flavius, x'aktarx li kien misinterpretazzjoni tal-isem oriġinali Semitiku, li jirreferi għall-Wied bħala l-"Wied tax-xaqliba ta' barra". Fil-fatt dan il-wied kien jinżel max-xaqliba tal-punent tal-Belt ta' David, għalkemm aktar 'il fuq jaqsam il-belt il-qadima ta' Ġerusalemm fi tnejn. Sal-lum it-triq dejqa tas-suq li taqsam Ġerusalemm mit-tramuntana għal nofsinhar għadha tissejjaħ "el-Wad" bl-Għarbi. B'dan il-mod il-Belt ta' David kienet mibnija fuq għolja li kienet imħarsa sewwa fuq in-naħat kollha, ħlief forsi fuq ix-xaqliba tat-tramuntana, li kienet aktar għolja minnha. Kien fuq din ix-xaqliba, fuq l-għolja tal-Ofel, li Salamun aktar tard bena l-Ewwel Tempju.

L-isem Belt ta' David ukoll kien kawża ta' identità żbaljata. L-istess kien ġara fil-każ tal-Għolja ta' Sijon, li llum x'aktarx tirreferi għall-għolja li fuqha nsibu ċ-Ċenaklu. Din l-għolja, li hi aktar fil-għoli mill-Ofel u mill-għolja tat-Tempju, intrabtet mat-tradizzjoni tal-qabar ta' David, li hu meqjum taħt iċ-Ċenaklu. Imma fil-fatt il-vera Għolja ta' Sijon trid tiġi llokalizzata fiż-żona aktar baxxa tal-belt, fejn illum l-iskavi arkeoloġiċi qegħdin jikxfu l-fdalijiet tal-Belt ta' David. Anke l-Belt ta' David, għal sekli twal kienet marbuta maċ-Ċittadella, jew kif tissejjaħ ukoll, it-Torri ta' David qrib il-Bieb ta' Ġaffa, fuq ix-xaqliba tal-punent tal-belt il-qadima ta' Ġerusalemm. Ukoll f'dan il-każ l-arkeoloġija ippruvat li t-tradizzjoni popolari hi żbaljata. It-Torri ta' David fiċ-Ċittadella hu binja ta' żmien l-Asmonej, u speċjalment hu proġett tas-sultan Erodi l-Kbir, li hemmhekk bena fortizza u palazz.

Il-Bibbja, bis-saħħa tal-evidenza arkeoloġika, hi l-bażi tal-istudji kontemporanji rigward il-post eżatt tal-Belt ta' David, jiġifieri fiż-żona taħt il-Bieb tal-Magrebini li tħares fuq ir-raħal Għarbi ta' Silwan. Naraw qabel xejn dak li l-Bibbja toffrielna rigward evidenza fuq dan l-insedjament tal-Ġebusin, li intrebaħ mis-sultan David, u mbagħad nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-evidenza arkeoloġika.

## Il-belt tal-Ġebusin issir il-kapitali tas-saltna ta' David

Ir-rakkont tar-rebħa ta' David fuq Ġerusalemm tal-Ġebusin insibuh f'2Sam 5,5-11:

"Tletin sena kellu David meta sar sultan, u dam isaltan erbgħin sena; seba' snin u sitt xhur fuq Ġuda f'Ħebron; u tlieta u tletin sena f'Ġerusalemm fuq Israel kollu u fuq Ġuda. Is-sultan mar bin-nies tiegħu Ġerusalemm kontra l-Ġebusin, li kienu jgħammru fil-pajjiż. U qalu lil David: 'Ma tidħolx hawn! Biżżejjed l-għomja u z-zopop biex ikeċċuk', fi kliem ieħor: 'David ma jidħolx'. Imma David ħa f'idejh il-fortizza ta' Sijon, li hi l-Belt ta' David. U David dak in-nhar kien qal: 'Min se jidrob lill-Ġebusi, ħa jitla' mill-ispiera u jaħbat għaz-zopop u l-għomja, mistmerra minn David?' Għalhekk għadhom jgħidu sal-lum: 'Il-bniedem għama jew zopp ma jidħolx fid-dar'. U David beda jgħammar fil-fortizza u semmieha l-Belt ta' David. U bena dawramejt magħha minn Millu 'l ġewwa. U David baqa' dejjem jissaħħaħ u l-Mulej Alla tal-eżerċti, kien dejjem miegħu. U Ħiram, sultan ta' Tir, bagħat messaġġ għand David, u injam taċ-ċedru, mastrudaxxi u naġġara tal-ġebel; u dawn bnew dar għal David".

Il-Bibbja hawnhekk issemmi l-Ġebusin bħala abitanti ta' Ġerusalemm. Il-Ġebusin jidhru li kienu tribù Kagħanija li kienu jgħixu fuq l-għoljiet tal-Lhudija madwar Ġerusalemm. Kienu tribù li Ġożwè ma kienx irnexxielu jirbħu fl-invażjoni tal-art imwiegħda, u għalhekk huma komplew jgħixu f'dawk l-inħawi saż-żmien tas-sultan David, li rebaħ Ġerusalemm madwar is-sena 1003 q.K. Il-Ġebusin setgħu kienu tribù tal-popli Amurrin. Jidher li l-isem oriġinali ta' Ġerusalemm kien "Ġebus". Fil-fatt insibu riferiment għal dan fil-Ktieb tal-Imħallfin 19,10-11, fejn Ġebus tissemma bħala belt tal-Ġebusin, u f'1Kron 11,4-5: "U David u Israel marru lkoll Ġerusalemm, - li hi Ġebus – fejn kienu jgħammru l-Ġebusin, in-nies li kienu jgħammru fil-pajjiż. U n-nies ta' Ġebus qalu lil David: 'Ma tidħolx hawn.' Imma David ħa f'idejh il-fortizza ta' Sijon, li hi l-belt ta' David".

Ir-riferiment għal Ġebus fil-Bibbja jiġi wkoll ippruvat mill-famużi tavlozzi kuneiformi ta' Tel el Amarna, li nstabu fil-wied tax-xmara Nil fl-Eġittu, nofs triq bejn Memphis u Thebes, u li kienu jagħmlu parti mill-arkivji rjali ta' Amenhotep III u Amenhotep IV (Akhenaton), li kien isaltan madwar is-sena 1400 q.K. Huma fihom ittri li nkitbu b'karattri kuneiformi Babiloniżi minn diversi slaten

ta' Kangħan u s-Sirja, u li ntbagħtu lil dawn il-Faragħuni tal-Eġittu. Dawn jipprovdu l-eqdem evidenza li għandna ta' tribujiet Ebrej li kienu qegħdin jinvadu l-art ta' Kangħan. Xi wħud mit-tavlozzi fihom ittri li ġejjin minn Ġerusalemm (Urusalim), u li jwissu lill-Fargħun dwar invażjoni ta' tribujiet 'Habiru' li kienu resqin lejn Kangħan mit-Transġordanja. Dawn l-ittri huma prova ta' dak li nsibu fil-Ktieb ta' Ġożwè rigward id-daħla tat-tribujiet Lhud fl-art ta' Kangħan. Is-sultan ta' Babilonja uża l-kelma Kangħan biex jindika ż-żona kollha fuq ix-xaqliba tal-punent tal-Ġordan, meta hu kiteb lill-Fargħun: "Kangħan hi l-art tiegħek u s-salten tagħha huma l-qaddejja tiegħek" (El Amarna 8,25).

L-isem oriġinali ta' Ġerusalemm bil-Babiloniż kien Uru-Salim, "il-belt ta' Salem", li Ġenesi 14,18 jqassarha f'Salem meta jitkellem minn Melkisedek, sultan ta' Salem. L-istess isem insibuh fl-iskrizzjonijiet tas-salten Eġizzjani Ramses II u Ramses III. Fl-ittri ta' Tel el Amarna Ġerusalemm għadha msejħa Uru-Salim, u jidher li kienet belt tal-Ittiti. Is-sultan tagħhom jidher li qiegħed jirreferi għal armata ġdida li kienet riesqa biex tieħu l-belt taħt idejha. Dan l-għadu jista' jkun li kienu l-Ġebusin, billi wara dan il-perjodu l-Bibbja ssemmi l-isem Ġebus fil-Ktieb tal-Imħallfin 19,10-11: "Ir-raġel ma riedx jgħaddi l-lejl hemm; qabad u telaq u wasal sa quddiem Ġebus, li hi Ġerusalemm; u kellu miegħu żewġt iħmir mgħobbija, u l-konkubina. X'ħin qorbu lejn Ġebus, il-jum kien wasal fi tmiemu, u l-qaddej qal lil sidu: 'Ejja nduru lejn din il-belt tal-Ġebusin, u ngħaddu l-lejl hemmhekk'".

Fil-Ktieb ta' Ġożwè 10,1-5 naqraw l-istorja ta' Adonisedek, sultan ta' Ġerusalemm, li għamel koalizzjoni ma' Ħoham, is-sultan ta' Ħebron, Piram, is-sultan ta' Ġarmut, Ġafigħa, s-sultan ta' Lakis, u Debir, is-sultan ta' Għeglon, biex jitilgħu flimkien kontra l-belt ta' Gibgħon, li kienet għamlet trattat ta' paċi ma' Ġożwè u l-Israeliti.


*Ir-raħal ta' Silwan mill-Belt ta' David*

Ġebus, mela, qatt ma kienet mirbuħa minn Ġożwè u l-Israeliti meta huma daħlu fl-art ta' Kangħan. Kien David li rebaħ il-belt u għamilha kapitali tas-saltna tiegħu. Jidher li David kellu ambizzjonijiet politiċi biex jagħmel dan. Il-Bibbja tgħid li David kien inkurunat sultan f'Ħebron. "Wara dawn il-ġrajja David staqsa lill-Mulej u qallu: 'Nitla' jien f'waħda mill-ibliet ta' Ġuda?' U l-Mulej wieġbu: 'Itla''. U David issokta: 'Fejn nitla'?' U wieġbu: 'F'Ħebron'. U David tela' hemm, hu u ż-żewġ nisa tiegħu, Aħinogħam il-Ġeżragħelija u Abigajl, mart Nabal il-Karmeli. David ħa miegħu wkoll in-nies li kienu ngħaqdu miegħu bil-familji tagħhom, u nġabru fl-ibliet ta' Ħebron. U ġew in-nies ta' Ġuda, u hemm dilku 'l David sultan fuq id-dar ta' Ġuda" (2Sam 2,1-4).

2Sam 5,5 jgħidilna li David saltan f'Ħebron fuq it-tribù ta' Ġuda għal seba' snin u nofs, filwaqt li mbagħad ġie midluk sultan ta' Israel mit-tribujiet l-oħrajn li kienu jgħixu fit-tramuntana. David kien konxju li Ħebron kienet tinsab wisq lejn in-nofsinhar biex hu jkollu kontroll politiku u militari effettiv fuq it-tribujiet tat-tramuntana. Din kienet ir-raġuni għaliex hu iddeċieda dwar il-pjan li jaħkem Ġebus, jew Ġerusalemm. Din il-belt kienet tinsab barra mit-territorju ta' Ġuda, għaliex suppost li hi kienet tinsab fit-territorju tat-tribù ta' Benjamin. Imma kienet għadha belt mhix mirbuħa u ma kenetx f'idejn xi tribù Israelita. Għaldaqstant kienet belt ideali biex twieġeb għall-pjanijiet ta' David. Benjamin kienet tribù ċkejkna, marbuta mad-dar ta' Ġuda. B'Ġerusalemm bħala belt li tinsab nofs triq bejn it-tribujiet tat-tramuntana u t-tribù ta' Ġuda, li kienet it-tribù tiegħu, David seta' jiżgura ġejjieni ta' ġid għas-saltna tiegħu. Fil-fatt, il-Bibbja tgħid li hu saltan fuq Ġerusalem għal tlieta u tletin sena fuq Israel kollu u fuq Ġuda.

Ir-rakkont bibliku tar-rebħa ta' Ġerusalemm, iżda, hu miksi b'misteru. Kif irnexxielu David jirbaħ din il-belt tal-Ġebusin? Il-Bibbja tidher li trid tgħid li David sab oppożizzjoni qawwija min-naħa ta' din it-tribù Kagħananija, imma wkoll li hu rebaħ dan l-insedjament tal-Ġebusin mingħajr diffikultajiet kbar. Biex nifhmu dak li tassew ġara hemm bżonn induru fuq l-evidenza topografika u arkeoloġika.

Diġà għidna li l-Belt ta' David hi mibnija fuq xifer ta' għolja li tħares fuq tliet widien, il-Kedron fuq il-lvant, it-Tyropoeon fuq il-lbiċ, u l-Ħinnom fuq in-nofsinhar, fejn il-widien jiltaqgħu biex ikomplu triqthom lejn il-Baħar il-Mejjet f'Nahal Qidron, jew Wadi Nar. Issa kull belt kien ikollha bżonn l-ilma biex tkun tiflaħ għal assedju jew attakki. Il-Bibbja u



*Mudell tal-Belt ta' David fil-Mużew ta' Israel*

l-arkeoloġija t-tnejn jindikaw in-nixxiegħa ta' Giħon bħala l-għajn li kienet tagħti ħajja lil Ġerusalemm, billi din in-nixxiegħa hi l-unika għajn ta' ilma frisk u ġieri tal-belt, u tnixxi b'mod abbundanti s-sena kollha.

In-nixxiegħa ta' Giħon tinsab taħt l-art fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-Belt ta' David, jiġifieri, taħt il-Wied ta' Kedron. Hi l-aktar għajn importanti tal-ilma għal Ġerusalemm. Fil-Bibbja l-Giħon tissemma f'1Slat 1,32-35.45 u f'2Kron 33,14. L-Ewwel Ktieb tas-Slaten jirrakkonta d-dilka tas-sultan Salamun fin-nixxiegħa tal-Giħon:

"U s-sultan David qal: 'Sejħuli lil Sadok, il-qassis, u lil Natan, il-profeta, u lil Benajja bin Ġeħojada'. U dawn daħlu quddiem is-sultan. U s-sultan qalilhom: 'Ħudu magħkom il-qaddejja ta' sidkom, u rikkbu lil Salamun ibni fuq il-bagħla tiegħi, u niżżluh f'Giħon, u hemm jidilkuh sultan fuq Israel Sadok, il-qassis, u Natan, il-profeta; u intom doqqu t-tromba u għajtu: 'Viva s-sultan Salamun!' Imbagħad titilgħu warajh, u hu jiġi, u joqgħod fuq it-tron tiegħi, u jsaltan minn floki, għax lilu jien ordnajt li jkun prinċep fuq Israel u fuq Ġuda' ... U l-qassis Sadok u l-profeta Natan dilkuh sultan f'Giħon, u telgħu minn hemm jgħajtu bil-ferħ u l-belt kollha tqanqlet" (1Slat 1,32-35.45).

F'2Kron 33,14 naqraw: "U wara dan (is-sultan Manassi) bena ħajt fuq in-naħa ta' barra tal-Belt ta' David, fuq il-punent ta' Giħon, fil-wied sad-dħul tal-Bieb tal-Ħut, u madwar l-Ofel, u għamlu għoli ħafna".

Fl-1867 l-arkeologu Captain Charles Warren kixef mina sigrieta li kienet tinżel mill-Belt ta' David fil-blat tal-muntanja, u kienet tiltaqa' ma' spiera ta' 13 il-metru li kienet tinżel lejn in-nixxiegħa ta' Giħon. Illum din il-mina tissejjaħ "Warren's Shaft". Warren ried jgħid li din il-mina u spiera kienu l-famuża "spiera" (*tsinnor*) li tissemma meta David okkupa l-belt, u li kienet tintuża mill-abitanti ta' Ġerusalemm biex itellgħu l-ilma min-nixxiegħa ta' Giħon. Is-silta misterjuża ta' 2Sam 5,8: "Min se jidrob lill-Ġebusi, ħa jitla' mill-ispiera..." tista' tirreferi proprju għal din il-mina u spiera.

"It-tifsira tal-kelma Lhudija *tsinnor* hi problematika u d-deskrizzjoni parallela tar-rebħa tal-belt minn David f'1Kron 11,4-7 ma ssemmihiex. Għal din ir-raġuni, u fid-dawl tat-tiftix arkeoloġiku komparattiv, l-identifikazzjoni tat-*tsinnor* bibliku ma' "Warren's Shaft" mhux dejjem aċċettat mill-arkeologi moderni. Din l-identifikazzjoni tkun tfisser li t-*tsinnor* irid jiġi ddatat għall-perjodu tal-ħakma tal-Ġebusin fuq il-belt, jiġifieri qabel ma David rebaħha fis-seklu 10 q.K. Imma dwar dan ma hemm l-ebda evidenza arkeoloġika. Irridu ninnutaw li bliet oħrajn bibliċi (Megiddo, Ħażor) kellhom sistemi tal-ilma li kien fihom l-istess elementi, u dawn huma datati għall-perjodu tal-monarkija fid-9 seklu q.K." (Hillel Geva, *Jerusalem - Water Systems of Biblical Times*).



*Kapt. Charles Warren*





*Mina ta' Warren fil-Belt ta' David*

Skavi reċenti urew li filwaqt li Warren irnexxielu jikxef sezzjoni importanti minn din is-sistema idrawlika sigrieta, hu ma kienx jaf li l-mina sigrieta kienet tkompli għal 10 metri oħrajn fil-blat samm, u kienet twassal f'sala li fiha kien jasal l-ilma, u li kienet il-ħażna tal-ilma tal-belt. Dan fil-fatt jista' jkun il-post li għalih David jirreferi f'2Sam 5,8.

"Din kienet it-teorija aċċettata dwar is-sistema tal-ilma f'Warren's Shaft sakemm saru skavi ġodda mill-1990. Maġenb in-nixxiegħa ta' Giħon instabu fdalijiet ta' fortifikazzjonijiet u ta' sistema idrawlika ġejjin minn żmien qadim ħafna. Fil-fatt instabu żewġ torrijiet b'saħħithom mibnijin minn ġebel kbar ħafna li kienu joħorġu 'l barra mil-linja tas-swar tal-belt lejn il-lvant. Bejniethom kien hemm ġiebja mħaffra fil-blat li hi fonda ħafna. It-torrijiet jidher li kienu jipproteġu n-nixxiegħa u l-ġiebja, filwaqt li ma kinux iħallu li l-għadu jippenetra biex jieħu l-ilma f'każ ta' assedju. L-arkeologi ddataw din is-sistema ta' fortifikazzjonijiet għall-bidu tat-tieni millennju q.K., fil-perjodu Kagħananew. Is-sezzjoni qasira tal-mina mix-xaqliba tal-lvant ta' Warren's Shaft ġiet mikxufa matul l-iskavi ġodda, u nstab li kienet twassal fil-quċċata tat-telgħa fuq il-lvant tal-Belt ta' David, faċċata tal-ġiebja u tat-torrijiet li semmejna. Din ir-riċerka ġdida ssostni t-teżi qadima li s-sistema idrawlika ta' Warren's Shaft kienet kollha mħaffra minn żewġ gruppi ta' ħaddiema, li ħadmu minn naħa u minn oħra. Skont din il-viżjoni ġdida, is-sistema idrawlika ta' Warren's Shaft tikkonsisti minn żewġ fażijiet ta' qtugħ ta' blat li huma kronoloġikament distinti. Fl-ewwel fażi, malli nbnew it-torrijiet u l-ġiebja qrib in-nixxiegħa (fil-bidu tat-tieni millennju q.K.), il-parti ta' fuq tas-sistema nqatgħet fil-blat tafli u artab. Din il-mina baxxa kienet issegwi kors mgħawweġ b'telgħa ħafifa lejn il-bokka tagħha, faċċata tal-ġiebja mħaffra fil-blat u protetta mit-torrijiet. Fit-tieni fażi (8 seklu q.K., fi żmien il-monarkija), il-mina ġiet miżjuda u mħaffra fil-blat iebes. Ix-xogħol waqaf meta l-mina ltaqgħet mal-bokka tal-ispiera vertikali, li minnha l-ilma min-nixxiegħa Giħon seta' jittella' fil-belt" (Hillel Geva, *Jerusalem - Water Systems of Biblical Times*).

Meta l-belt kienet qed tiddefendi ruħha mill-armata tal-Assirja fi tmiem it-8 seklu q.K., meta l-Assiri assedjaw Ġerusalemm fis-sena 701, is-sultan Ħeżekija ddeċieda li jiddefendi l-ħażna tal-ilma billi jħaffer mina fonda fil-muntanja taħt il-belt ħalli jiġbor l-ilma fil-ħitan tal-belt. "Kien hu, Ħeżekija, li sadd l-għajn tal-ilma ta' Giħon ta' fuq, u dawru għan-naħa tal-punent tal-Belt ta' David. U Ħeżekija sab ir-riżq f'kull ma kien jagħmel" (2Kron 32,30). Dan il-kapolavur ta' inġinerija jikkonsisti f'mina ta' 533 metri fil-qalba tal-muntanja. Skrizzjoni fuq il-ġebel fid-daħla tal-mina tiddiskrivi din l-operazzjoni inkredibbli. Sal-lum il-ġurnata wieħed jista' jgħaddi minn din il-mina billi

jimxi fl-ilma kiesaħ u ġieri tan-nixxiegħa li tispiċċa fil-menqgħa ta' Siloam.

B'hekk jidher li David rebaħ il-belt ta' Ġerusalemm billi ordna lill-irġiel tiegħu jippenentraw fil-mini sigrieti tas-sistema idrawlika tal-belt. Hu biss b'dan il-mod li nistgħu nifhmu r-riferenza misterjuża ta' 2Sam 5,8. Hekk l-arkeoloġija hi ta' għajnuna kbira biex tgħinna nsolvu din is-silta misterjuża, ukoll jekk l-opinjonijiet ivarjaw fost l-istudjużi.

Is-sistema tal-ħażna tal-ilma kienet mela teżisti qabel żmien il-monarkija Israelita, imma ġiet żviluppata b'mod aktar sofistikat mis-slaten ta' Ġuda. Imma din is-sistema hi biss wieħed mill-elementi interessanti li nsibu fil-Belt ta' David. Element ieħor importanti hu dak tal-bini. L-arkeologi kixfu l-fdalijiet ta' swar li nbnew qabel il-perjodu tal-monarkija, kif ukoll fdalijiet oħrajn minn żmien il-monarkija u wara, inkluż il-perjodu tal-Asmonej. Il-Belt ta' David, għalkemm hi ċkejkna fl-estensjoni ġeografika tagħha, żviluppat fuq pjanta li tibda mit-tramuntana u tinżel ħelu ħelu lejn in-nofsinhar, bil-bini li jsegwi l-għolja mill-għoli tal-Ofel sal-widien li jiltaqgħu fil-ponta tan-nofsinhar tagħha. Il-parti ta' fuq tal-Belt ta' David kienet okkupata mill-palazz rjali. L-arkeologi kixfu fdalijiet ta' din il-binja importanti. Il-Bibbja ssemmi dan il-palazz f'2Sam 5,11 meta tgħid: "U Ħiram, sultan ta' Tir, bagħat messaġġ għand David, u injam taċ-ċedru, mastrudaxxi u naġġara tal-ġebel; u dawn bnew dar għal David". Dan id-dettall jurina l-kapaċità diplomatika ta' David, li jiggarantixxi l-paċi u l-ħbiberija ma' dan is-sultan li kien ġar tiegħu fuq it-tramuntana tas-saltna, u hekk jirċievi bħala rigal il-famuż injam taċ-ċedru tal-Libanu biex jibni palazz stupend għalih innifsu. F'1Slat 5,15-26 l-istess sultan Ħiram jissemma bħala dak li għamel trattat ta' paċi ma' Salamun, u pprovdih b'injam abbundanti mil-Libanu biex hekk jibni l-Ewwel Tempju.

Fil-profezija ta' Natan f'2Sam 7,1-7 insibu riferiment ieħor



*Skavi ġodda fil-Belt ta' David*

importanti għall-palazz irjali: "Meta s-sultan David mar joqgħod f'daru, u l-Mulej serrħu mill-għedewwa kollha ta' madwaru, is-sultan qal lil Natan il-profeta: 'Issa, ara jiena qiegħed f'dar taċ-ċedru, u l-arka ta' Alla qiegħda f'nofs ta' tinda!' U qal Natan lis-sultan: 'Kull ma għandek fi ħsiebek li tagħmel, mur agħmlu, għax il-Mulej miegħek'. Imma dak il-lejl stess ġiet il-kelma tal-Mulej lil Natan u qallu: 'Mur għid lill-qaddej tiegħi David: Dan jgħid il-Mulej: Se tibnili int dar biex noqgħod fiha? Jiena ma għammart f'ebda dar minn mindu tellajt lil ulied Israel mill-Eġittu sallum. Jiena kont niġġerra f'tinda u f'għarix. F'dak iż-żmien kollu li kont niġġerra 'l hawn u 'l hinn ma' wlied Israel, qatt għedt lil xi ħadd mill-kapijiet ta' Israel li jien kont qabbadt jirgħu l-poplu tiegħi Israel: Għaliex ma bnejtlix dar taċ-ċedru?'"

Hemm riferiment ieħor għad-"Dar tal-Foresta", din id-darba riferit għall-palazz irjali li s-sultan Salamun bena qrib it-Tempju. Dan ir-riferiment insibuh f'Isaija 22,8-11, fil-kuntest tat-tħejjijiet li saru qabel l-invażjoni tas-sultan tal-Assirja Sennaħerib fis-sena 701 q.K.: "Dakinhar mortu taraw it-tagħmir tal-gwerra f'Dar il-Foresta, u rajtu kemm kotor it-tiċrit fil-Belt ta' David; ġbartu l-ilma tal-ġiebja t'isfel; għaddejtu d-djar ta' Ġerusalemm, u ħattejtu d-djar biex issaħħu l-ħitan. U għamiltu ħawt bejn iż-żewġt iswar għall-ilma tal-ġiebja l-qadima. Imma ma fittixtux lil min għamilhom, u ma tajtux kas ta' min sawwarhom sa mill-qedem".

F'din is-silta nsibu mill-ġdid riferiment importanti għas-sistema kumplessa idrawlika tal-Belt ta' David. Il-"ġiebja l-qadima", li f'Is 7,3 tissejjaħ: "is-sieqja tal-ġiebja l-fuqanija, fuq triq l-għalqa tal-Ħassiel", tista' tirreferi għall-ġiebja li tirregola n-nixxiegħa tal-Giħon, filwaqt li l-"ġiebja t'isfel" tirreferi għall-menqgħa li nbniet minn Aħaż, u li x'aktarx tikkorrispondi għal "Għajn Rogel", fejn il-Wied tat-Tyropoeon jiltaqa' mal-Wied tal-Kedron aktar 'l isfel. Il-"ħawt bejn iż-żewġ ħitan" jista' jirreferi għall-menqgħa ta' Siloam (Silwan), imma fid-dawl ta' sejbiet arkeoloġiċi ġodda tal-ġiebja mħaffra fil-blat bejn iż-żewġ torrijiet li semmejna, tista' tirreferi għal dan il-post ta' lqugħ tal-ilma.

Bl-għajnuna tal-arkeoloġija nistgħu għaldaqstant nillokalizzaw eżattament il-Belt ta' David li tissemma tant drabi fil-Bibbja. Kull riferiment għas-sit taċ-Ċittadella, jew Torri ta' David maġenb il-Bieb ta' Ġaffa jrendi inkomprensibbli kull deskrizzjoni tal-Belt ta' David skont dak li tgħid il-Bibbja, billi f'dik iż-żona ta' Ġerusalemm ma hemmx nixxigħat ta' ilma.


*Silwan, taħt il-ħitan ta' Ġerusalemm*

## Fdalijiet arkeoloġiċi fil-Belt ta' David

Il-Belt ta' David testendi ruħha lejn in-nofsinhar tal-Għolja tat-Tempju. L-eqdem sinjali ta' okkupazzjoni umana jmorru lura lejn is-seklu 18 q.K. Ix-xifer tal-għolja li fuqha nsibu l-ewwel insedjamenti kien joffri ħafna vantaġġi, imma wkoll kellu xi punti dgħajfin, bħax-xaqliba tat-tramuntana li ma kinetx tista' tiġi difiża faċilment, billi fuqha jiddominaw l-Ofel u l-Għolja tat-Tempju. Imma kien biss f'din il-parti tar-reġjun li kien hemm ilma abbundanti fin-nixxiegħa ta' Giħon, li hi waħda mill-akbar nixxigħat fl-Għoljiet tal-Lhudija. L-għolja kienet ukoll tinsab f'pożizzjoni strateġika, billi kellha widien fondi fuq iż-żewġ naħat, jiġifieri l-Kedron fuq il-lvant u t-Tyropoeon fuq il-lbiċ, anke jekk kienet imdawra minn art ogħla minnha minn kullimkien, jiġifieri l-Għolja tat-Tempju fuq it-tramuntana, l-Għolja ta' Sijon fuq il-punent, l-Għolja taż-Żebbuġ fuq il-lvant, u l-Għolja ta' Abu Tor fuq in-nofsinhar. Is-Salm 125(124),2 jiddiskrivi l-pożizzjoni tal-Belt ta' David b'mod ċar: "Bħalma l-għoljiet iduru madwar Ġerusalemm, hekk il-Mulej madwar il-poplu tiegħu, minn issa u għal dejjem".

Żjara lejn il-Belt ta' David tirrivela dettall interessanti ħafna, jiġifieri ħajt sur mibni forma ta' taraġ li l-arkeoloġi jaħsbu li seta' kien is-sur tal-belt tal-Ġebusin li David rebaħ. Dan il-ħajt imtarraġ ħareġ għad-dawl fl-iskavi ta' Duncan u Macalister, Kenyon u Shiloh, bħala wieħed mill-akbar strutturi tal-Età tal-Ħadid f'Israel. Il-ħajt ġie skavat f'għoli ta' 18-il metru u jiġi datat lejn tmiem il-belt tal-Ġebusin (seklu 12 q.K.). L-istruttura x'aktarx li kienet issostni xi palazz irjali, li kien jokkupa l-parti għolja tax-xifer li fuqu kienet mibnija l-belt. L-eqdem fdalijiet tal-bini jmorru lura lejn il-bidu tal-Età tal-Bronz, jiġifieri għat-tielet millennju q.K. L-eqdem struttura ta' swar inbniet fl-Età Medja tal-Bronz, matul is-seklu 18 q.K.

Skavi reċenti wkoll irrivelaw sezzjoni aktar baxxa tal-ħajt tal-belt li ġejja mill-aħħar perjodu tal-Età tal-Ħadid, forsi fi żmien is-sultan Ħeżekija. Il-ħajt kien mibni matul ix-xaqliba tal-lvant tal-Belt ta' David, kważi fil-qiegħ tal-Wied tal-Kedron.

Għalkemm l-iskrizzjoni ta' Tel el Amarna tidher li tindika li Ġerusalemm tal-Ġebusin kienet belt importanti, fil-fatt huma ftit il-fdalijiet arkeoloġiċi li nstabu mill-aħħar fażi tal-Età tal-Bronż (1600-1200 q.K.).

Kien matul il-perjodu tal-monarkija li nistgħu nsibu diversi fdalijiet arkeoloġiċi fil-Belt ta' David. Fuq it-terrazzi ta' żmien il-Ġebusin, l-arkeologi ħaffru dak li huma jqisu li kien il-palazz irjali mibni mis-sultan David. Il-fdalijiet arkeoloġiċi tal-palazz jistgħu jiġu osservati mill-għoli tal-istruttura li nbniet dan l-aħħar fid-daħla tas-sit arkeoloġiku tal-Belt ta' David, li minnha l-viżitaturi jistgħu jgawdu dehra panoramika tal-Belt minn fuq u tal-Wied tal-Kedron taħt.

Fit-8 seklu q.K., matul is-saltna ta' Ħeżekija, Ġerusalemm tkabbret fuq l-għolja lejn il-punent, u hekk il-Belt ta' David saret parti minn żvilupp akbar ta' bini. L-arkeologi sabu l-fdalijiet tal-ħajt tal-lvant tal-Belt, fuq il-Wied ta' Kedron, għal tul ta' madwar 120 metri, li jsegwi l-ħajt eqdem tal-Età tal-Bronż. Instabu fdalijiet ta' diversi binjiet fil-Belt, li jindikaw li kienet insedjament popolat sew. Jidher li dawn il-kwartieri ġew abbandunati matul l-assedju tal-Assiri fis-sena 701 q.K., imma li matul is-seklu 7 Ġerusalemm kienet tgawdi minn perjodu ta' prosperità, li jissemma wkoll minn bosta profeti, partikolarment Isaija u Ġeremija, li kienu jibku fuq l-inġustizzja tal-għonja tan-nobbiltà kontra l-foqra, u li kienu ħabbru l-qerda tal-Belt minn Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, fis-sena 587-586 q.K.

Hemm ukoll fdalijiet ta' djar nobbli, li jinkludu d-Dar ta' Ashlar, id-Dar ta' Aħi'el u d-Dar tal-"Bullae". Dar minnhom fiha wkoll "kamra

maħruqa", li tindika perjodu ta' qerda totali tal-Belt, kif seta' ġara matul l-invażjoni tal-Babiloniżi.

Id-Dar ta' Ahi'el tagħtina idea ta' kif setgħet tidher dar tipika Israelita fil-Belt ta' David. L-isem ġie minn iskrizzjoni bil-Lhudi fuq framment tal-fuħħar li nstab fid-dar, li jindika dan l-isem ta' xi persuna. L-oġġetti li nstabu matul l-iskavi arkeoloġiċi jinkludu taraġ tal-ġebel fuq barra li jwassal għas-sular ta' fuq. F'kamra żgħira li kienet isservi ta' maħżen instabu fdalijiet ta' ġarar, kif ukoll "toilet seat" fuq l-art imkaħħla, li taħtu hemm toqba għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi ta' min kien jgħix f'dik id-dar.

Id-Dar tal-"Bullae", li tinsab fuq il-lvant tad-Dar ta' Ahi'el jisimha hekk minħabba li fiha nstabet kollezzjoni ta' 50 siġill tat-tafal ("Bullae") b'karattri bil-Lhudi. Il-paviment tad-dar ħarġu minnu fdalijiet ta' fuħħar, rjus ta' vleġeġ u fdalijiet oħrajn li jindikaw li d-dar kienet bini pubbliku. Il-"Bullae" li nstabu f'din id-dar ġejjin mill-qerda ta' Ġerusalemm mill-Babiloniżi fis-sena 587-586 q.K. Il-"Bullae" fihom ħafna ismijiet personali bil-Lhudi, li tnejn minnhom jissemmew fil-Bibbja. Isem minnhom hu dak ta' Ġemarija, bin Safan, uffiċjal għoli fil-palazz tas-sultan Ġeħojakim: "U Baruk qara mill-ktieb f'widnejn il-poplu kollu l-kliem ta' Ġeremija f'dar il-Mulej, fil-kamra ta' Ġemarija bin Safan, il-kittieb, fil-bitħa ta' fuq, fid-daħla ta' Bieb il-Ġdid ta' dar il-Mulej" (Ġer 36,10). It-tieni persunaġġ li jissemma hu Għażarija bin Ħilkija (Hilkiyahu): "Għażarija bin Ħilkija, bin Mesullam, bin Sadok, bin Merajot, bin Aħitub, kap tat-tempju ta' Alla" (1Kron 9,11).

Il-qerda ta' Ġerusalemm mill-Babiloniżi tidher f'diversi fdalijiet maħruqin u f'saff oħxon ta' terrapien minn bini mġarraf fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-Belt ta' David. "Fil-ħames xahar, fis-sebgħa tax-xahar – kienet id-dsatax-il sena tas-sultan Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja – Nebużaradan, kmandant tal-għases, fizzjal tas-sultan ta' Babilonja, daħal Ġerusalemm. Ħaraq it-tempju tal-Mulej, u l-palazz tas-sultan, u d-djar kollha kbar ta' Ġerusalemm. U s-suldati kollha tal-Kaldin, li kienu mal-kmandant tal-għases, ġarrfu s-swar ta' madwar Ġerusalemm. U kull min kien fadal mill-poplu li kienu baqgħu fil-belt, u dawk li kienu ċedew u għaddew għal mas-sultan ta' Babilonja, u l-bqija kollha tan-nies, Nebużaradan, il-kmandant tal-għases, ħadhom fl-eżilju" (2Slat 25,8-11; cfr. Ġer 39,8; 2Kron 36,18-19).

Rabta oħra interessanti mal-Bibbja tinsab fil-kxif ta' ġiebja kbira fil-Belt ta' David. Din tfakkarna f'dak li nsibu fil-Ktieb ta' Ġeremija 37,16, meta l-profeta ġie mixħut fil-ħabs: "U lil Ġeremija niżżluh f'ġiebja bil-ħnejjiet, u dam hemm għal ħafna żmien".

Il-Belt ta' David reġgħet ġiet insedjata mil-Lhud li ġew lura mill-eżilju ta' Babilonja matul il-ħakma Persjana fis-seklu 6 q.K. Il-Ktien ta' Neħemija jiddeskrivi l-bini tas-swar il-ġodda. Il-ħajt mibni minn Neħemija ma jsegwix il-linja tas-swar il-qodma, imma nbena aktar 'il fuq fix-xaqliba tal-grigal tal-Belt ta' David.

Matul il-perjodi Ellenistiku u Ruman, iċ-ċentru tal-belt mexa lejn l-għolja tal-punent. Fdalijiet tas-swar Asmonej, iżda, għadhom jidhru. Fi żmien Ġesù l-Belt ta' David kienet għadha abitata u kienet parti mill-belt ta' Ġerusalemm, li kienet infirxet lejn it-tramuntana fuq l-Għolja tat-Tempju, u lejn l-għolja tal-punent. Id-dimensjonijiet tal-belt sallum għadna ma nafuhomx eżattament, għalkemm saru skavi fil-Kwartier Lhudi li kixfu fdalijiet ta' ħitan li jmorru lura lejn żmien il-monarkija u li jistgħu jippruvaw li huma ħjiel biex inkunu nafu d-dimensjonijiet eżatti tal-belt fl-1 seklu.

Mal-medda tas-snin is-swar tan-nofsinhar ta' Ġerusalemm inbnew b'tali mod li qatgħu barra l-Belt ta' David. Bħala riżultat il-Belt ta' David, is-sit ta' Ġerusalemm biblika, spiċċat mhux abitata u barra mill-



*Il-Bieb tal-Magrebini*

ħitan tal-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm kif nafuhom illum. Illum il-ġurnata l-Belt ta' David hi mdawra minn irħula Għarab, l-aktar ir-raħal ta' Silwan, fuq l-għolja tal-faċċata. Dan l-aħħar l-isforzi tal-Israeljani biex jirkupraw il-fdalijiet arkeoloġiċi tal-Belt ta' David wasslu għal tensjonijiet mal-Għarab Palestinjani li jgħixu f'Silwan, għax Israel irid iwaqqa' diversi djar biex joħloq park arkeoloġiku fiż-żona. Dan hu meqjus bħala indħil ta' sovranità Israeljana fuq il-parti tal-lvant ta' Ġerusalemm li l-Palestinjani jqisuha bħala territorju tagħhom.



# FIT-TRIQ TA' DAMASKU... SAN PAWL L-APPOSTLU TAL-ĠNUS

***Fr. Charles Buttigieg***

*"Dan ir-raġel hu għodda magħtura minni biex iġib ismi quddiem il-ġnus, is-slaten u ulied Israel. U jien stess nurih kemm għad irid ibati minħabba f'ismi" (Atti ta' l-Appostli 9:15)*

## Is-Sena Pawlina

Is-Sena Pawlina li bdiet mis-Solennita` ta' San Pietru u San Pawl tas-sena 2008 u kompliet sad-29 ta' Ġunju 2009, fl-okkażjoni tal-elfejn sena mit-twelid ta' San Pawl, ġiet imnehdija mill-Papa Benedittu XVI nhar it-28 ta' Ġunju 2007 waqt it-Talb tal-Vespri fil-Bażilika

ta' San Paolo Fuori le Mura f'Ruma quddiem l-presenza ta' numru kbir ta' Kardinali u Isqfijiet minn mad-dinja kollha. Ħafna kienu dawk iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u ekumeniċi u attivitajiet oħra li kienu ċċelebrati matul din is-sena, kemm f'Ruma u kif ukoll mad-dinja kollha b'mod partikulari f'dawk il-komunitajiet evanġelizzati mill-Appostlu tal-Ġnus innifsu, fosthom il-gżejjer tagħna. Dan kien l-iskop tas-Sena Pawlina; li nitgħallmu mingħand San Pawl kif nikbru fil-fidi u nagħrfu lil Kristu kif qalilna l-Papa fl-Udjenza Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2008: "*È questo il fine dell'anno Paolino: imparare da san Paolo, imparare la fede, imparare il Cristo*". Għaliex kif qal tajjeb San Ġirolmu, li qaleb il-Bibbja mil-lingwi oriġinali għal dik Latina; li fil-qalb ta' Pawlu kienet tħabbat il-qalb ta' Kristu.

## Sawlu minn Tarsu

San Pawl twieled fil-belt ta' Tarsu taċ-Ċiliċja, fil-Lvant tat-Turkija tal-lum madwar is-sena 8 W.K., billi l-istudjużi jikkalkulaw it-twelid tiegħu bejn is-sena 5 u 10 W.K.. Kien Lhudi minn familja fariżajka mill-Ġudeja, eżattament mit-tribù ta' Benjamin, kif ukoll kien ċittadin Ruman. Ta' tmint ijiem għamlulu ċ-ċirkonċiżjoni u tawh l-isem ta' Sawl, isem li jfisser 'il-mixtieq', għall-ewwel re tal-poplu Lhudi Sawl, li kien proprju mit-tribù ta' Benjamin (ara Fil 3:5). Skont id-drawwa tal-Lhud tad-djaspora ġie mogħti ukoll it-tieni isem bil-latin 'Paulus', li jfisser il-'qsajjar'. Bħala adolexxent wara li għamel il-'bar mitzva', mar Ġerusalemm u tħarreġ bir-reqqa fil-ħarsien tal-Liġi tal-Lhud bħala Fariżew f'riġlejn Gamaljel, fl-iskola tal-Ħillel, bejn is-snin 24 u 30 W.K. (ara Atti 22:3), iżda żgur li ma kienx f'Ġerusalemm meta Ġesù beda l-ministeru tiegħu. Ftit wara beda persekuzzjoni kontra l-ewwel insara: "Biż-żelu li kelli, ippersegwitajt il-Knisja" (Fil 3:6; ara ukoll 1 Kor 15:9 u Gal 1:13). Mhux ta' b'xejn li A. Deissman laqqam lil San Pawl bħala 'kosmopolita', bniedem ta' tliet kulturi, dik Lhudija, Griega u Rumana f'persuna waħda. Assista għas-sena 35 W.K. għall-martirju ta' San Stiefnu meta kien għadu żagħżugħ (bil-grieg: neanias, ara Atti 7:58).

## Il-Ġrajja tal-Konverżjoni u tas-Sejħa

Sawlu ta' Tarsu kien bniedem intelliġenti, mimli ħeġġa u b'ħafna kwalitajiet, imma fil-fond ta' qalbu kien għadu ma skopriex il-verità sħiħa ta' Kristu bħala t-Triq, il-Verità u l-Ħajja (ara Ġw 14:6). Kien proprju f'din il-fehma ta' persekuzzjoni li ltaqa' ma' Ġesù fi Triq ta' Damasku: "Huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku, f'daqqa waħda idda madwaru dawl mis-sema. Waqa' fl-art u sema' leħen igħidlu: 'Sawl, Sawl! Għaliex qiegħed tippersegwitani?' Hu wieġeb: 'Min int Mulej?' u l-leħen wieġbu: 'Jiena Ġesù, li int qiegħed tippersegwitah." (Atti 9:3-5; ara Atti 9:1-20; 22:1-21; 26:2-23; Gal 1:11-17; Fil 3:4-17; 1 Tim 1:12-16 u Rum 7:7-25). Din il-laqgħa ma' Kristu, tibdel b'mod radikali l-ħajja ta' Pawlu.



Esperjenza tassew kbira li ħalliet influss kbir fuq it-tixrid tal-kristjaneżmu. Ġrajja tassew kbira li biddlet il-ħajja ta' Pawlu u li jixraq isir ukoll il-ġublew għaliha li jfakkarha meta jasal il-waqt (għas-sena 2035).

Din l-esperjenza għal Pawlu hija ġrajja ta' konverżjoni u sejħa kbira. Il-kelma lhudija għall-'konverżjoni' hija 'xuv', li tfisser 'terġa' lura', 'iddur', iddur lejn l-oriġini, mela ddur lejn Alla. Il-kelma griega 'metanoia' hi iktar profonda u tfisser 'bidla fil-ħsieb' (meta - bidla, noeo - ħsieb) bidla fil-mentalita`, bidla fil-moħħ, bidla fir-ruħ u għalhekk mela ukoll bidla fir-reliġjon. Fl-Atti tal-Appostli 9:35; 11:21; 15:3 għandna kelma griega oħra, 'epistropho' li tfisser bidla fil-kondotta tal-ħajja: "In-nies kollha li kienu joqogħdu f'Lidda u f'Saron rawh u daru (epestrepsan) lejn il-Mulej" (9:35). Il-konverżjoni hija fuq kollox sejħa sabiex dejjem nimmaturaw fil-fidi u niġġeddu fi Kristu.

Huma ħafna l-interpretazzjonijiet varji ta' din il-ġrajja ta' Damasku li ngħataw matul is-snin. Tradizzjonalment l-studjużi ħarsu lejn din l-esperjenza ta' Pawlu bħala ġrajja ta' konverżjoni, oħrajn pero` bħal K. Stendahl sostnew li hija sejħa iktar milli bħala konverżjoni, għaliex Pawlu ma bidilx ir-reliġjon tiegħu. Uħud bħal William James tawha ukoll spjegazzjoni psikoloġika. Illum bosta biblisti jħarsu lejn din il-ġrajja bħala konverżjoni u sejħa bħala appostlu fl-istess ħin. Dan huwa il-mod l-iktar komplut li jiddeskrivi l-ġrajja ta' Pawlu fi Triq ta' Damasku, fejn huwa ġie msejjaħ għall-koverżjoni, l-ewwelnett dik tiegħu sabiex imbagħad huwa jikkonverti lill-oħrajn. L-imħabba ta' Alla ssuq lil Pawlu għad-dawl tal-verità: "Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għall-indiema?" (Rum 2:4); "Pawlu qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun appostlu, maħtur għall-Evanġelju ta' Alla" (Rum 1:1).

Żgur li għal Pawlu kienet bidla kbira fil-ħsieb tiegħu ta' kif iħares lejn il-Liġi u l-Kelma ta' Alla fl-Antik Testment mhux bil-lenti fanatiku tal-fariżej imma bil-lenti ta' Kristu, il-Messija, li l-Lhud kienu għadhom qed jistennewh. Din l-istennija għamja ta' San Pawl tintemm ħabta u sabta mas-'sabta' tiegħu fl-art minn fuq iż-żiemel f'din il-famuża Triq ta' Damasku, fejn jiltaqa' mal-Messija ħaj u veru. Kienet tassew esperjenza ta' mogħdija, passaġġ, magħmudija, mill-bniedem il-qadim għal dak ġdid, u għalhekk għalih kienet tassew l-esperjenza tal-Għid, esperjenza paskwali, kienet laqgħa ma' Kristu Rxoxt: "Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu ? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum 6:3-4). F'din il-laqgħa ma' Kristu, miet il-bniedem il-qadim ta' Sawlu u qam il-bniedem ġdid ta' Pawlu. Esperjenza ta' dawl ġdid, li tissarraf fil-ħidma fejjieda tiegħu li jxandar akkost ta' kollox

dan il-ferħ ta' l-Evanġelju tal-Messija rebbieħ fuq il-mewt darba għal dejjem: "Ħuti, irrid infakkarkom fl-Evanġelju li xandarnielkom u li intom ilqajtu u li fih qegħdin iżżommu sħiħ. Bih intom salvi bil-kelma li jien ħabbartilkom, kemm-il darba żżommuha, jekk ma emmintux għal xejn. Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura. U deher lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax…Fl-aħħar deher lili ukoll…" (1 Kor 15:1-8).

Għalhekk din il-ġrajja ta' Damasku timplika s-sejħa ta' Pawlu għall-konverżjoni fl-ideat tiegħu bħala fariżew u fuq kollox is-sejħa sabiex ikun appostlu ta' Kristu, l-appostlu tal-ġnus (ara 1 Kor 1:1). Dak li qabel kien: "dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu" (1 Tim 1:13) issa Kristu sar kollox għalih "Għalija l-ħajja hi Kristu" (Fil:1:21); "Dak kollu li għalija kien qligħ (bil-grieg: kerdos li tfisser 'utli'), jien għaddejtu bħala telf minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf (bil-grieg: 'zemia' li tfisser ta' 'detriment' jew ta' 'ħsara') ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis (bil-grieg: 'skubalon' li tfisser 'żibel') biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih" (Fil 3:7-9). Mela dak li qabel għal Pawlu kien tant importanti għalih biex jgħix, issa sar għalih ta' detriment u ta' ħsara saħansitra bħala knis u ħmieġ. Pawlu jwarrab dan kollu biex issa jimtela bi Kristu. Pawlu jħossu għalhekk salvat minn Kristu, Kristu li ħatfu (bil-grieg: katalambano) sabiex issa huwa jaħtaf lil Kristu għall-oħrajn: "Inross 'il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili" (Fil 3:12). Huwa għalhekk isir dik l-għodda jew strument tassew magħżul minn Alla għax-xandir tal-Evanġelju ta' Kristu: "Kull ma ġara lili safa biex jiġi aktar 'il quddiem il-Evanġelju" (Fil 1:12); u "Jien magħżul biex niddefendi l-Evanġelju" (Fil 1:16).

Dan huwa mela Evanġelju li għalih ġie msejjaħ San Pawl sabiex ixandar, huwa



l-Evanġelju Ħaj ta' Kristu: "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus..." (Gal 1:15-16). Huwa l-Evanġelju li jissupera l-liġijiet tal-bnedmin għaliex huwa ġej minn Alla li jrid is-salvazzjoni ta' kulħadd. Huwa l-Evanġelju li jxandar lil Kristu Rxoxt u għalhekk San Pawl irid iwassal din il-verita` ta' ħelsien li ġab il-qawmien mill-mewt ta' Kristu: "Ngħid għalija ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu..." (Gal 6:14). Din hija l-'aħbar it-tajba' (bil-grieg: euangelion), li jrid iwassal San Pawl u għalhekk ma jrid lil ħadd itellef jew jgħawweġ din il-verita` sħiħa: "...ħalli b'hekk il-verita` ta' l-Evanġelju tibqa' sħiħa għalikom." (Gal 2:5)

## Pawlu, il-Missjunarju ta' Kristu

Huwa proprju fl-Atti ta' l-Appostli ta' San Luqa l-Evanġelista, li kien infatti s-sieħeb ta' Pawlu fil-ħidma missjunarja u li kellu kapiċità letterarja, li nsibu narrazzjoni ordnata tal-ħidma missjunarja ta' Pawlu. Wara l-konverżjoni u s-sejħa tiegħu, Pawlu jsir ħolqien ġdid fi Kristu, tgħammed minn Ananija wara tlitt ijiem 'midfun fid-dlam', u mar jagħmel żmien irtirat fid-deżert fl-Arabja fejn kellu diversi rivelazzjonijiet u sabiex jirrifletti kif jgħidilna San Ġirolmu. Lura f'Damasku kellu jaħrab fejn riedu joqtluh u mar Ġerusalemm għal ħmistax-il ġurnata fejn iltaqa' ma' Pietru u biex ikollu l-ewwel kuntatt mal-Knisja ta' Kristu. Iżda ma damx Ġerusalemm għax kellu jaħrab ukoll u għalhekk mar Tarsu (Gal 1:16-24). Hawnhekk San Pawl jagħmel diversi snin ta' silenzju, żmien twil ta' purifikazzjoni u meditazzjoni, jipprepara għall-ministeru tiegħu ta' evanġelizzazzjoni.

L-ewwel vjaġġ missjunarju bejn is-snin 45 u 49 W.K. (allura madwar għaxar snin wara l-konverżjoni), kien minn Antijokja fis-Sirja għal Ċipru u fin-nofs in-nhar tal-Anatolja fl-Asja Minuri. Kien l-ewwel ma' Barnaba u Marku, imbagħad kompla għal rasu fil-vjaġġi l-oħra. Fil-Konċilju ta' Ġerusalemm li sar fis-sena 49 W.K., saħaq li l-pagani kellhom jedd li jidħlu fir-reliġjon ta' Kristu mingħajr ma jkunu miżmuma għall-osservanza tal-liġi, għaliex is-salvazzjoni tiġi minn Kristu biss. Fit-tieni vjaġġ missjunarju bejn is-snin 50 u 52, huwa kien akkompanjat minn Silas (Silvanu) lejn l-Anatolja, fejn f'Listris għammed lil Timotju u wara mar lejn l-Ewropa, proprju fil-Maċedonja fil-bliet ta' Filippi, Tessalonika, Bereja u fl-Akaja jew fil-Greċja fil-bliet ta' Ateni u Korintu fejn kien hemm Akwila u Prixxilla. F'dan il-vjaġġ jissieħeb miegħu San Luqa, probabbilment fi Troas (ara Atti 16:8-10). Żgur li għas-sena 50 W.K. kien ġewwa Korintu, kif huwa indikat mill-iskrizzjoni ta' Delfi fejn kien hemm l-Prokonslu Ruman Galljone. Fit-tielet vjaġġ missjunarju bejn is-snin 53 u 58, huwa reġa' żar il-komunitajiet li huwa waqqaf kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Asja Minuri b'mod

partikulari f'Efesu fejn dam madwar tlett snin (ara 2 Korintin 11:23-28).

Lura fil-Palestina huwa kien arrestat u miżmum għal sentejn fil-Foritizza Antonja, bejn snin 58 u 60. Ir-raba' vjaġġ kien bħala priġunier sabiex jappella għand Ċesari, imma jibqa' dejjem wieħed missjunarju għaliex wara maltempa u skont il-Providenza ta' Alla u kien 'jeħtieġ' jgħaddi Malta fejn dam tlett xhur (Ara Atti 27 u 28). Miegħu ġie ukoll San Luqa, li min jaf kemm ħejja xogħol għall-opra letterarja tiegħu, kif ukoll nimmaġina li għamel San Pawl kemm dam f'Malta. F'Ruma dam sentejn il-ħabs sakemm ġie meħlus għas-sena 62, fejn wara kellu l-possibilta` li jerġa' jżur xi komunitajiet li huwa kien waqqaf qabel, fosthom Efesu u Kreta.

Ħa l-martirju f'Ruma fejn inkuruna l-ħidma tiegħu wara t-tieni arrest tiegħu li kien ħafna iktar iebes, taħt il-persekuzzjoni ta' Neruni għas-sena 67 W.K. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-Bażilika ta' San Paolo Fuori le Mura. L-istudjużi jaħsbu li San Pawl għamel 17-il elf kilometru ta' vjaġġi, li hija d-distanza tal-iktar żewġt ibliet imbegħdin fid-dinja li huma Londra u Melbourne, vjaġġi li San Pawl għamel sabiex ixandar l-Evanġelju ta' Kristu.

## L-Ittri ta' San Pawl

San Pawl kiteb l-ittri tiegħu bi stil enerġetiku u bil-grieg mitkellem mill-poplu tad-dinja ellenika. Huwa jagħti valenza teoloġika qawwija lil ċertu kliem grieg li nsibu fl-ittri tiegħu per eżempju: laħam (sarx), spirtu (pneuma), dnub (hamartia), salvazzjon (soteria), imħabba (agape) ġustizzja (dikaiosyne), u liberta` (eleutheria). Fil-Ġdid Testment insibu tlettax-il ittra kanonika ta' San Pawl u li huma dawn: L-1 u 2 Tessalonkin, dawn meqjusin bħala l-ittri tal-bidu; għandna mbagħad l-ittri l-kbar minħabba l-importanza teoloġika tagħhom: Rumani, 1 u 2 Korintin, Galatin; l-ittri li kiteb mill-ħabs: Efesin, Filippin, Kolossin, Filemon u l-ittri pastorali: 1 u 2 Timotju u Titu. L-ittra lil-Lhud hija miktuba aktarx minn dixxiplu ta' San Pawl, fejn tiżviluppa t-tagħlim ta' San Pawl dwar is-saċerdozju ta' Kristu.

Dawn ġew meqjusin bħala ispirati u kanoniċi mill-bidu nett mill-Knisja u b'mod definittiv fil-Konċilju ta' Trentu fl-1546. Bniedem attiv bħalma kien San Pawl, żgur li huwa kiteb xi ittri oħrajn sekondarji u li m'humiex daqshekk importanti, ittri ta' korrispondenza li ntilfu. Inkitbu ukoll ittri oħrajn taħt l-isem ta' Pawlu imma dawn ġew kklassifikati bħala apokrifi. Min jaf forsi San Pawl li kellu spirtu kbir ta' rikonoxxenza, seta' forsi kiteb xi ittra ta' ringrazzjament lill-Maltin?

Żgur però li San Pawl qed jistedinna sabiex matul din is-sena Pawlina nerġgħu



niskopru mill-ġdid dawn l-ittri tiegħu kemm fil-laqgħat tal-Kelma t'Alla li jsiru fil-parroċċi, fl-irtiri, f'seminars u fuq kollox fiċ-ċelebrazzjonjiet ekumeniċi; sabiex bħala Maltin u Għawdxin inkomplu ngħaddu lill-ġenerazzjoni futura dak li għaddielna San Pawl, l-Evanġelju Ħaj ta' Kristu. Nagħlaq bit-talba sabiħa fl-arloġġ Museumin ta' San Ġorġ Preca li l-Papa Ġwanni Pawlu II sejjaħlu t-Tieni missier ta' Malta wara San Pawl: "Pawlu, kbir Appostlu, Missierna fil-fidi, Int dawl tal-ġnus kollha; Itlob lil Alla għalina...Għall-merti u għall-interċessjoni ta' San Pawl tinżel fuqna l-barka ta' Ġesù Kristu, u timliena bl-ispirtu ta' mħabba biex naqdi kif nista' lill-proxxmu tiegħi, speċjalment fit-tagħlim. Amen".



**Biblijografija**


Boyarin, D., *A Radical Jew: Paul and the Politics of Identity*, Critical Studies in Jewish Literature, Culture and Society 1, California 1994.

Bruce, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.

Buckley, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

Calvert-Koyzis, N., *Paul, Monotheism and the People of God: The Significance of Abraham Traditions for Early Judaism and Christianity*, London 2005.

*Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), Torino 2000.

Donfried, K.P., "Paul the Jew: But of What Sort?", in *Testimony and Interpretation: Early Christology in Its Judeo-Hellenistic Milieu: Studies in Honour of Petr Pokorny*, J. Mrazek – J. Roskovec (eds.), Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 272, London 2005, 11-27.

Frey, J., "Paul's Jewish Identity", in *Jewish Identity in the Greco-Roman World [Jüdische Identität in der griechisch-römischen Welt]*, J. Frey - D.R. Schwartz – S. Gripentrog (eds.), Ancient Judaism and Early Christianity 71, Leiden 2007, 285-321.

Giordani, I., *St. Paul. Apostle and Martyr*, Boston (MA) 1981.

Moreschini, C. – Norelli, E., "The Letters of Paul and of the Pauline Tradition", in *Early Christian Greek and Latin Literature: A Literary History*, Peabody (MA) 2005.

Segal A.F., *Paul the Convert: The Apostolate and Apostasy of Saul the Pharisee*, New Haven 1990.



# L-OMM TA' ĠESÙ ĦDEJN IS-SALIB (1)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

## Daħla

Ir-rakkont ta' Ġwanni dwar il-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù fuq is-salib joffri għana teoloġiku kbir tassew: Mingħajr ma jgħid, l-evanġelista jagħmel ħafna referenzi għat-Testment il-Qadim biex ikompli jorbot fuqu. Naraw.

i. It-teoloġija marbuta mal-Ġnien: Dak tal-Għeden u dak li fih kien hemm il-qabar fejn tqiegħed Ġesù mejjet. (Ġw 19, 41).

ii. Dik tal-Aqedah, bil-Malti għoqda. Hawn Ġwanni qed jagħmel ir-referenza għall-irbit (għoqod) li rabat bih Abraham lil ibnu Iżakk (Ġen 22,9) u l-irbit ta' Ġesù meta kien fil-Ġnien tal-Ġetsemani.(Ġw 18,12).
iii. Ir-reġalità ta' Ġesù, b'mod speċjali waqt id-djalogu li Ġesù kellu ma' Pilatu, (Ġw 19, 14) kif ukoll waqt li Ġesù kien fuq is-salib (Ġw 19, 19).
iv. It-teoloġija marbuta mas-siegħa ta' Ġesù. F'Kana Ġesù iwieġeb lil ommu li s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx (Ġw 2,4), fil-waqt li fil-kapitlu tlettax li huwa l-aħħar parti tar-raba' Evanġelju Ġwanni jgħid li issa "waslet is-siegħa" (Ġw 13,1).

Din ix-xena ta' omm Ġesù qiegħda fin-nofs li tħaddan ukoll fiha s-suġġett tal-"ġnien". Ukoll Ġw 19,18, l-awtur jinsisti dwar il-fatt li s-salib ta' Ġesù qiegħed fin-NOFS ta' żewġ slaleb oħra. "Hemm huma sallbuh ma' tnejn oħra, wieħed kull naħa, u Ġesù fin-NOFS" (Ġw 19,18). Għalhekk jidher sew li Ġwanni irid joħroġ għad-dawl, li s-salib fin-nofs huwa l-antitip tas-siġra oħra tal-Għeden li din ukoll kienet fin-nofs (Ġen 3,2). Però b'differenza: mis-siġra tal-Għeden ħarġet is-saħta u l-mewt, mis-siġra fin-nofs tal-Golgota s-salib, ħarġet il-barka u l-ħajja.

Donnu jidher ukoll li fl-istruttura tal-Vanġelu ta' Ġwanni hemm strutturi żgħar oħra: Hekk il-kap 2, 1-11 li dan huwa it-tieġ ta' Kana tal-Galilija, jikkorrispondi max-xena tal-Kalvarju 19, 25-27. Fiż-żewġ ċirkustanzi, Marija hija msejħa "omm", u "omm Ġesù". Hawn tidher sew l-inklużjoni. Donnu Ġesù jrid jibda l-ħajja pubblika tiegħu ma' Marija u jagħlaq din l-istess ħajja mill-ġdid ma' Marija. F'Kana s-siegħa ta' Ġesù kienet għadha ma waslitx; din però titwettaq kollha meta d-dixxiplu jilqa' 'l ommu għandu (Ġw 19, 27).

Jekk is-sinjal ta' Kana għandu valur messjaniku u jippreżenta 'l Ġesù bħala l-Għarus, wieħed jista' jissopponi li l-preżenza ta' Marija ħdejn is-salib għandha importanża analoga. Dan għaliex fiż-żewġ xeni hemm is-salvazzjoni universali. Naraw.

## Analiżi litterarja

Nibda billi nsemmi problema żgħira li hemm fit-test. Dan għaliex hemm in-nuqqas tal-partiċella kai, fil-vers 25 u li tfisser "u". Illum bosta eżeġeti moderni jżommu li n-nisa kienu erbgħa. "Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa u Marija ta' Magdala. Bosta manuskritti Sirijaċi, Persjani u Etijopiċi jżidu l-partiċella kai. Aktarx però li l-evanġelista jħalliha barra; Jista' jkun għalhekk li Ġwanni jrid jagħżel bejn żewġ kategoriji ta' nisa:
i. minn naħa waħda nisa anonimi, ma nafux min huma,
ii. minn naħa l-oħra nisa li nafu isimhom proprju. Dan għandu eku kemm fi Ġwanni 1,35 kif ukoll f'21,2.

L-awtur huwa ħafna preċiż meta jgħid li l-erba' nisa kienu

ħdejn is-salib. Dan id-dettal ta' ħdejn jew QRIB, jikkorrispondi imma bil-kontra ma' dak tas-suldati. Għalkemm dawn ukoll kienu erbgħa, imma Ġwanni jiċċara li kienu 'l bogħod, mela indifferenti għal kollox għal dak kollu li kien qed jiġri fuq il-Kalvarju. "Għalhekk ĠEW is-suldati" (Ġw 19,32), mela kienu xi ftit 'il bogħod.

Paralelliżmu Bibbliku ieħor tal-erba' nisa ħdejn is-salib ta' Ġesù li qiegħed fit-Testment il-Qadim huwa dak tal-erba' nisa matrijarki. Dawn huma, Sara, (mart Abraham), Rebekka, (mart Iżakk) Rakele u Lija (it-tnejn nisa ta' Ġakobb).

## It-tifsira ta' l-omm

Fil-kapitlu 2, Marija hija msejħa bħala "mara" u "omm Ġesù". It-titlu ta' mara għandu xeħta kbira tal-Knisja. Ġwanni jisħaq li l-mewt ta' Ġesù għandha titwettaq fl-ambjent u f'relazzjoni ta' l-ulied ta' Alla mxerrda mad-dinja kollha. Ġw 11,51-52, juri t-twettiq messjaniku ta' dan is-suġġett bibliku importanti. Hekk ikkonkluda Ġwanni wara dak li qal il-qassis il-kbir Kajfas: "Dan ma qalux minn moħħu, imma, billi kien il-qassis il-kbir f'dik is-sena, ħabbar li Ġesù kellu jmut għal ġensu, u mhux għal ġensu biss, imma wkoll biex jiġma' flimkien l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin".

L-eżilju tal-Lhud f'Babel, b'xi mod jixbah it-tixrid tal-popli fost in-nazzjonijiet. Kultant l-eżiljati huma mxebbha mal-mejtin, u dan għaliex mitluqin għal rashom: Però dejjem bil-






għajnuna ta' Alla dawn ħarġu mill-ġdid mill-oqbra tagħhom (Ezek 37, 2.8.9.11.12; Tob 12,2-5). Imma Alla jista' jirxoxta l-mejtin mill-oqbra. Huwa imexxihom lejn l-art tiegħu u jorbot magħhom patt ġdid magħmul fuq il-qalb.

F'din ir-restawrazzjoni Sijon għandu importanza kbira: Il-funzjoni materna tiegħu titwettaq b'mod sħiħ (Is 60,1-9; Tob 13,12-13). Il-Bint Sijon tifraħ meta tara lil uliedha jerġgħu lura ferħana lejha. It-tempju ta' Ġerusalemm għandu jkun il-post fejn jiltaqgħu dawk imxerrda (Eżk 37,21, 26-27; Sof 3,14-18; Żak 2,14-15). Issa dan it-tempju se jiġi mibdul minn maqdes ieħor mhux mibni mill-bnedmin "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu….. Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu" (Ġw 2,19-22). Ġerusalemm il-metropoli tan-nies imxerrda, tiġi mibdula minn Marija, omm ta' l-ulied ta' Alla mxerrdin. Marija hija l-bint ta' Sijon u li l-profeti raw minn qabel. Ġerusalemm ġiet ippersonifikata u rraffigurata mill-immaġini ta' mara; wieħed jifhem għalhekk għaliex Ġesù jdur lejn ommu u jsejħilha "mara".

Sijon messjanika hija mara li tiġġenera, hija Eva perfetta. Marija hekk issir is-simbolu ta' kollettività, il-mara, l-omm tal-poplu ġdid ta' Alla, is-sinagoga tal-Ġdid Testment.

### Il-vers 27b; il-verb lambanein= tilqa'

Dan il-vers jaqra hekk: "U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu". Dan il-vers għandu importanza notevoli. It-tifsira ta' dan il-verb jista' jkollha sens konkret, (Ġw 16,11); imma jista' jesprimi wkoll l-aspett reċitattiv ta' l-att ta' twemmin: "Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx. Imma dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla" (Ġw 1,11-12).

Din l-espressjoni turi li ma hawnx sempliċement azzjoni puntwali ta' mument, imma hemm attività li għandha l-bidu ta' perijodu, u li dan se jitkompla. Hemm ħarsa lejn iż-żmien li ġej, mela lejn il-futur, li però dan il-futur jaf il-bidu tiegħu mill-espressjoni u min dak il-ħin, mela futur qarib. Fil-grammatika Griega dan jissejjaħ awrist inkoattiv, jiġifieri azzjoni li għadha tibda, mela għandha t-tluq però mhux żviluppat biżżejjed. Fil-kas konkret tagħna, Ġwanni qed jara l-bidu ta' azzjoni li hija d-dinja kristjana u li se titlaq minn dik is-siegħa, minn dak il-waqt stess ta' fuq il-Kalvarju.

Għalhekk il-frażi èlaben ha mathétes autèn ein tà idia, bil-Latin accepit eam discipulus in sua, għandha tinftiehem f'sens ta' relazzjoni spiritwali ġdida bejn iż-żewġ dixxipli preżenti taħt is-salib. Id-dixxiplu l-maħbub fehem sew it-tifsira sħiħa ta' l-aħħar xewqa messjanika ta' l-imgħallem tiegħu Ġesù. Din l-inizjattiva telqet minn għand Ġesù li qal espressament; "Hawn hi ommok". Id-dixxiplu għalhekk fetaħ qalbu għar-rigal li għamillu Ġesù, u b'att sħiħ ta' fidi, minn dik is-siegħa stess laqagħha għandu lil dik il-mara li sa minn dak il-mument kienet l-omm ta' Ġesù: Id-dixxiplu laqagħha bħala l-omm proprja tiegħu. Injazju de la Potterie għalhekk jipproponi din il-versjoni: "Minn dak il-waqt id-dixxiplu laqagħha fl-intimità tiegħu".

Biss mal-medda tas-snin nibtet it-tradizzjoni popolari li żżomm li Marija marret ma' Ġwanni u mietet Efesu. Sal-ġurnata ta' llum, tmien kilometri bogħod mill-fdalijiet ta' Efesu l-qadima, fuq għolja u qalb ħafna siġar hemm daqsxejn ta' knisja fejn skont it-tradizzjoni Marija għexet u mietet hemm. Din l-ipotesi però hija fraġli ħafna. U għalhekk it-tradizzjoni flimkien mal-bosta studji anke arkeoloġiċi wieħed iżomm li l-qabar ta' Marija qiegħed fil-wied tal-Kedron, f'Ġerusalemm. Fit-teżi tiegħi "Le Recit de la Dormition de Marie", tal-Franġiskan F. Manns wara li dan għamel studju kritiku tat-Test Grieg (Vatican Grec 1982) wasal għall-konklużjoni li tassew qabar Marija huwa dak li hemm fil-wied tal-Kedron.






*P Marcello Ghirlando ofm*

Din l-Eżortazzjoni Appostolika tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI iġġib id-data tat-30 ta' Settembru 2010, tifkira ta' San Ġirolmu. Hija Eżortazzjoni li biha l-Papa jħeġġeġ lill-insara jerġgħu jiskopru ċ-ċentralità tal-Kelma ta' Alla fil-ħajja personali tagħhom u f'dik

tal-Knisja; jiskopru mill-ġdid l-urġenza u l-ġmiel tax-xandir tal-Kelma b'xhieda ħajja għall-fidwa tal-bniedem. Biha l-Papa jsejjaħ lir-rgħajja, il-membri tal-ħajja kkonsagrata u l-lajċi biex isiru dejjem aktar familjari mal-Iskrittura, għax l-Iskrittura mxandra, milqugħa, mitluba u ċċelebrata fil-Knisja hija l-pedament ta' kull spiritwalità nisranija awtentika (121).

L-Eżortazzjoni Appostolika hija frott is-Sinodu tal-Isqfijiet li kien sar f'Ottubru tas-sena 2008. Is-Sinodu kien iddiskuta t-tema tal-*Kelma ta' Alla fil-Ħajja u fil-Missjoni tal-Knisja*. Ried igħarbel dak kollu li seħħ fit-twettiq tad-direttivi marbuta mal-Iskrittura Mqaddsa u misjuba fil-Konċilju Vatikan II, b'mod partikulari fil-Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum,* quddiem l-isfidi l-ġodda ta' żminijietna.

Dan id-dokument ġdid, l-aktar wieħed importanti fuq l-Iskrittura f'dawn l-aħħar 45 sena, huwa maqsum f'tliet partijiet prinċipali. It-titli tat-tliet partijiet huma: *Verbum Dei* (Il-Kelma ta' Alla), *Verbum in Ecclesia* (Il-Kelma fil-Knisja), u *Verbum Mundo* (Il-Kelma għad-Dinja). Hawnhekk sejrin nippreżentaw ġabra qasira ta' dan id-dokument skont temi partikulari.

## Alla jikkomunika lilu nnifsu

Benedittu XVI jiżviluppa r-riflessjoni tiegħu billi jlaqqamha fil-Prologu tal-Vanġelu skont San Ġwann. Il-kelma ta' Ġwanni tqegħedna quddiem il-misteru ta' Alla li jikkomunika lilu nnifsu permezz tad-don tal-kelma tiegħu... *Il-Verb sar bniedem u għammar fostna* (Ġw 1, 14). Din hija l-aħbar it-tajba tan-nisrani (1). F'dinja li spiss tħoss li Alla huwa barrani jew żejjed mhemmx prijorità ikbar minn din: niftħu mill-ġdid għal bniedem tallum it-triq lejn Alla, lejn Alla li jikkomunika l-imħabba tiegħu biex ikollna l-ħajja bil-kotra (2).

## Alla mhuwiex bogħod mill-bniedem

Il-Papa jfakkarna li Alla jitkellem u jidħol fl-istorja favur il-bniedem. Il-bniedem, min-naħa tiegħu, jifhem lilu nnifsu u jaqta' x-xewqat l-aktar profondi tiegħu billi jinfetaħ għad-djalogu mal-Ħallieq tiegħu. Hu għalhekk li l-Kelma ta' Alla mhijiex kontra l-bniedem, ma toħnoqx ix-xewqat awtentiċi tiegħu iżda ddawwalhom, tmexxihom u twettaqhom bis-sħiħ. Fi żminijietna xterdet l-idea li Alla huwa barrani għall-ħajja u l-problemi tal-bniedem u li l-preżenza tiegħu bħal donnha thedded l-awtonomija tal-bniedem. Fir-realtà, Alla biss jagħti tweġiba għall-għatx li kull bniedem għandu f'qalbu. Hu għalhekk li l-Papa jgħid li pastoralment huwa importanti li nippreżentaw il-Kelma ta' Alla fil-kapaċità tagħha li tiddjaloga mal-problemi li l-bniedem iħabbat wiċċu magħhom kuljum. Il-pastorali tal-Knisja trid turi tajjeb kif Alla jisma' l-għajta tal-bniedem u jilqa' l-ħtiġijiet tiegħu biex joffrilu il-milja tal-ferħ ta' dejjem (22-23). F'dan id-dawl hu neċessarju li l-insara jagħrfu li l-għerq tad-dnub huwa fl-atteġġjament

ta' għeluq għall-Kelma ta' Alla u r-rifjut li nilqgħu l-maħfra u l-fidwa f'Ġesù, il-Verb ta' Alla.

## Il-Kristjaneżmu bħala reliġjon tal-Kelma ta' Alla

Id-dokument ifakkar l-ispinta kbira li kien ta l-Konċilju Vatikan II biex l-Insara jiskopru mill-ġdid il-Kelma ta' Alla fil-ħajja tal-Knisja (3). Ifakkar fil-qima kbira li l-Knisja għandha għall-Iskrittura, anke jekk il-fidi nisranija mhijiex 'reliġjon tal-Ktieb': il-Kristjaneżmu huwa r-reliġjon tal-Kelma ta' Alla, mhux ta' kelma miktuba u mejta, imma tal-Verb inkarnat u ħaj (7). Fid-dawl tiegħu tiftiehem il-kundizzjoni umana. Fil-fatt, Ġesù Kristu huwa l-Kelma definittiva ta' Alla: għalhekk in-nisrani ma jistenniex xi rivelazzjoni pubblika oħra qabel ma jerġa' jiġi l-Mulej fil-glorja. Għalhekk, ikompli l-Papa, huwa neċessarju ngħinu lill-Insara jagħmlu distinzjoni bejn il-Kelma ta' Alla u r-rivelazzjonijiet privati. Dawn ma jikkomplimentawx ir-Rivelazzjoni definitiva tal-Kristu, imma jgħinu lin-nisrani jgħixha b'mod aktar sħiħ, fi żmien storiku preċiż (14).

## Il-Kelma ta' Alla teħtieġ l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu

Il-Papa jitkellem fit-tul fuq l-interpretazzjoni retta tal-Kelma ta' Alla. Jistqarr li mhemmx għarfien awtentiku tar-Rivelazzjoni nisranija mingħajr l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li nebbaħha, kif insista San Ġirolmu (15-16). Huwa għarfien li jikber maż-żmien, bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu u anke bl-għajnuna tat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja u tal-Maġisteru tagħha, li fuq spallejha jaqa' d-dmir li tinterpreta b'mod awtentiku il-Kelma ta' Alla miktuba u mgħoddija (33). Il-post oriġinarju tal-interpretazzjoni skritturistika hija l-ħajja tal-Knisja. San Ġirolmu kien ifakkar li ma nistgħu qatt naqraw (ninterpretaw) l-Iskritturi waħedna, imma dejjem fi ħdan il-ħajja tal-Knisja, għaliex ikun faċli li wieħed jaqa' fl-iżball (30).

## L-għaqda taż-żewġ livelli interpretattivi tal-Kelma ta' Alla

Il-Papa jgħarbel l-istat attwali tal-istudji bibliċi. Juri li mir-relazzjoni ħajja bejn l-eżeġeżi u t-teoloġija tiddependi l-effikaċja pastorali tal-ħidma tal-Knisja u tal-ħajja spiritwali tal-Insara (31). Filwaqt li jagħraf il-kontribut importanti li ta l-metodu storiku-kritiku u metodi oħra użati fl-istudju eżeġetiku tal-Iskrittura (32), il-Papa jitkellem ukoll minn riskju serju, jiġifieri li tinħoloq firda bejn l-eżeġeżi u t-teoloġija: min-naħa waħda jista' jkun hemm eżeġeżi li tillimita ruħha għal metodu storiku-kritiku li jista' jirriduċi kollox għall-element uman fl-Iskrittura u jiċħad l-istoriċità tal-elementi divini fiha; min-naħa l-oħra, teoloġija li titlaq minn spiritwalizzazzjoni tas-sens ta' l-Iskritturi li ma jirrispettawx il-karattru storiku tar-rivelazzjoni. Il-Papa juri l-bżonn li jkun hemm għaqda bejn iż-żewġ livelli ta' interpretazzjoni, għaqda li tippresuponi armonija

bejn il-fidi u r-raġuni. Dan biex nevitaw l-korruzzjoni tal-fidi (li ssir fidejiżmu) li tibbaża ruħha fuq qari fundamentalistiku ta' l-Iskrittura u li jkollna raġuni li hija miftuħa u ma tiċħadx dak kollu li ma tasalx għalih (33-36). Il-Papa jħeġġeġ għalhekk għal progress fl-istudju tal-interpretazzjoni tal-Iskrittura biex dan jagħti l-frott fix-xjenza biblika u fil-ħajja spiritwali tal-insara (19) u għal djalogu bejn ir-rgħajja tal-Knisja, l-eżeġeti u t-teoloġi (45). Dan għaliex it-Tradizzjoni, l-Iskrittura Mqaddsa u l-Maġisteru tal-Knisja huma tliet realtajiet magħquda ħaġa waħda bejniethom (47).

## Kelma ta' Alla u ħajja

Wieħed jista' jifhem l-Iskrittura biss jekk jgħixha (47). Fil-fatt, l-interpretazzjoni l-aktar profonda tal-Iskrittura tiġi mill-qaddisin, minn dawk li ħallew lilhom infushom jiddawlu u jiġu magħġuna mill-Kelma. Jekk inqiegħdu lilna nfusna fl-iskola ta' ħajjithom insibu triq żgura li tgħinna nifhmu l-Kelma ħajja ta' Alla (48-49). Il-Papa jirreferi anke għal Marija, figura tal-Knisja, li tisma' l-Kelma u li fiha din il-Kelma ssir bniedem. F'dal-kuntest il-Papa jħeġġeġ lill-istudjużi biex japprofondixxu ir-relazzjoni bejn il-marjoloġija u t-teoloġija tal-Kelma (27).

## Kelma ta' Alla, ekumeniżmu u djalogu interreliġjuż

Id-dokument jagħti anke importanza liċ-ċentralità tal-istudji bibliċi fid-djalogu ekumeniku. Juri apprezzament għall-promozzjoni ta' ċelebrazzjonijiet ekumeniċi tal-Kelma ta' Alla, għaliex is-smigħ tal-Iskrittura jwassal għad-djalogu tal-karità li jkabbar id-djalogu tal-verità (46). Il-Papa jfakkar li r-rivelazzjoni tal-Antik Testment hija valida għalina l-insara għax hija Kelma ta' Alla u għaliex il-Kristjaneżmu jsib l-għeruq tiegħu fl-Antik Testment (40). Minn hawn tinbet rabta partikulari bejn l-Insara u l-Lhud, rabta li ma tista' qatt tintesa u li trid twassal lill-insara biex irawmu atteġġjament ta' rispett, stima u imħabba lejn il-poplu Lhudi. Benedittu XVI jinsisti fuq kemm huwa prezzjuz id-djalogu mal-Lhud (43). Minbarra dan, bħala parti essenzjali tax-



xandira tal-Kelma, il-Knisja tagħraf il-ħtieġa tad-djalogu u l-kollaborazzjoni mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba, u mingħajr xewqa ta' sinkretiżmu jew relattiviżmu (117), b'mod partikulari mal-bnedmin li huma parti mit-tradizzjonijiet reliġjużi tal-umanità. Il-Knsija tħares bi stima lejn il-Musulmani li jagħrfu l-eżiżtenza ta' Alla wieħed: magħhom iħeġġeġ djalogu mibni fuq il-fiduċja u fuq il-valuri, bħalma huma r-rispett għall-ħajja, id-drittijiet tar-raġel u tal-mara u l-ugwaljanza bejniethom, il-ftuħ tar-reliġjonijiet lejn ħidma favur il-ġid komuni, id-distinzjoni bejn l-ordni soċjo-politiku u dak reliġjuż (118). Il-Papa jesprimi ukoll ir-rispett tal-Knisja lejn ir-reliġjonijiet antiki u t-tradizzjonijiet spiritwali tad-diversi kontinenti, li lkoll għandhom valuri li jistgħu jgħinu għal ftehim bejn il-persuni u l-popli. (119). Id-djalogu jħalli l-frott jekk jinkludi fih il-libertà biex wieħed igħix ir-reliġjon tiegħu fil-privat u fil-pubbliku, fil-libertà tal-kuxjenza (120).

## Kelma ta' Alla u Liturġija

Id-dokument jitkellem fit-tul fuq ir-relazzjoni bejn il-Kelma ta' Alla u l-Liturġija: huwa l-mument privileġġjat li fih Alla jkellem illum lill-poplu tiegħu, li jisma' u jwieġeb. Meta tinqara l-Kelma fil-Knisja, huwa Kristu stess li jitkellem (52). Huwa neċessarju nifhmu l-għaqda li hemm bejn il-Kelma u s-Sagrament fil-ministeru tal-Knisja. Fil-fatt, fir-relazzjoni bejn il-Kelma u il-ġest sagramentali għandna espressjoni liturġika ta' kif Alla jaħdem fl-istorja permess tal-karattru performattiv tal-Kelma stess. Fl-istorja tas-salvazzjoni mhemmx firda bejn dak li Alla jgħid u jagħmel. Bl-istess mod, fl-azzjoni liturġika niġu wiċċ imb wiċċ mal-Kelma li twettaq dak li tgħid (53). F'dan il-kuntest il-Papa jħeġġeġ għal xandira xierqa tal-Kelma waqt il-Liturġija minn letturi li huma mħejjija mhux biss teknikament imma anke biblikament (58). Il-Papa jħeġġeġ għal titjib fil-kwalità tal-omeliji li joħorġu għad-dawl is-sempliċità tal-Kelma ta' Alla u jiġu ċċentrati fuq il-messaġġ tal-Vanġelu. Min jippriedka jrid juri lil Kristu li għandu jkun fiċ-ċentru ta' kull omelija (59). Il-Papa jipproponi Direttorju omiletiku li jista' jkun ta' għajnuna għal min jagħmel l-omelija (60). Id-Dokument juri anke x-xewqa li l-Liturġija tas-Sigħat, speċjalment it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Għasar jiġu mitluba fost il-poplu ta' Alla. Huwa mod ta' kif in-nisrani jsir aktar familjari mal-Kelma ta' Alla (62).

## Il-Kelma ta' Alla u s-skiet

Il-Papa ħeġġeġ ukoll għas-skiet fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi: il-Kelma tiġi mxandra u mismugħa sewwa jekk hemm is-skiet, esterjuri



u interjuri. Żminijietna ma tantx jgħinuna ninġabru u spiss nuru l-biża' li ninqatgħu ftit mill-mezzi tal-komunikazzjoni. Minn hawn toħroġ il-ħtieġa li l-insara jitrawmu għall-valur tas-skiet (66). Kollox għandu jiġi kkurat biex il-Kelma tixxandar u tinstema' sewwa: l-akustika fil-Knejjes (68), il-kant ispirat mill-Iskrittura, il-qari magħżul li ma jinbidilx għal xejn b'xejn (69). Hawnhekk il-Papa jagħmel riferiment għall-Kant Gregorjan (70) u anke għal kura speċjali f'dan il-qasam lejn min għandu diżabbilità fid-dawl u fis-smigħ (71).

## Il-Kelma ta' Alla u l-Iskrittura Mqaddsa

Il-Papa jesprimi x-xewqa tal-membri kollha tas-Sinodu meta jħeġġeġ għal staġun ġdid ta' mħabba akbar lejn il-Kelma ta' Alla min-naħa tal-Poplu ta' Alla kollu kemm hu. Il-qari tal-Kelma jwassal għal relazzjoni dejjem aktar profonda mal-istess Ġesù (72). Juri n-neċessità tal-pastorali biblika (anke quddiem l-isfida tas-setet li jaqraw il-Bibbja b'mod żbaljat), tat-twaqqif ta' gruppi żgħar li jinġabru madwar il-Kelma u li jiffurmaw rwieħhom fit-talb u l-għarfien tal-bibbja skont il-fidi tal-Knisja (73). L-appostolat bibliku għandu jifforma tajjeb lill-insara u, b'mod partikulari, il-katekisti (75). Il-Poplu ta' Alla kollu, ibda mill-Isqfijiet, irid jitlaqqam mill-ġdid mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Il-Papa hawnhekk igħid kelma ta' apprezzament għall-monaċi, irġiel u nisa, li bil-ħajja tat-talb tagħhom, ta' smigħ u meditazzjoni tal-Kelma, ifakkruna li l-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.

## Il-Bibbja f'kull dar

Rigward il-familji, il-Papa jħeġġeġ li kull dar ikollha l-Bibbja tagħha, Bibbja mħarsa sewwa għall-qari u t-talb. Joħroġ għad-dawl il-kontribut tal-*ġenju femminili* fl-istudji bibliċi, fl-edukazzjoni, fil-katekeżi u fit-trasmissjoni tal-valuri. Id-dokument iħeġġeġ għall-prattika tal-Lectio Divina u għat-talb tar-Rużarju u l-Anġelus li jgħinu lin-nisrani jimmedita fuq il-misteri mqaddsa rrakkuntati fl-Iskrittura. Hawnhekk jissemmew anke xi talbiet antiki tal-Lvant Nisrani, bħalma huma l-innijiet marjani tal-Akathistos u tal-Paraklesis (78-88),

## Il-Kelma ta' Alla u l-missjonarjetà

Il-Papa jesprimi x-xewqa qawwija tas-Sinodu biex titħeġġeġ il-kuxjenza missjunarja tal-Knisja li titwieled mill-għarfien li dak kollu li huwa rivelat fi Kristu huwa realment is-salvazzjoni tal-ġnus kollha. Il-bniedem għandu fil-fatt bżonn tat-Tama l-kbira biex ikun jista' jgħix il-preżent, it-tama l-kbira li huwa Alla li għandu wiċċ uman u li ħabbna sal-aħħar (Ġw 13, 1). Hu għalhekk li l-Knisja hija missjunarja fl-essenza tagħha. Ma nistgħux inżommu għalina l-kliem tal-ħajja ta' dejjem li ġew mogħtija lilna fil-laqgħa tagħna mal-Mulej Ġesù: huwa kliem għal kulħadd, għal kull

bniedem anke fi żmienna. Irridu nxandru dak li rċevejna bi grazzja (91-92). Irridu nxandru dik il-Kelma li ssejjaħ għal konverżjoni, dik il-Kelma li tiftaħ it-triq għall-bniedem biex jiltaqa' ma' Alla, ma' Kristu li fih l-umanità tieħu l-ħajja mill-ġdid (93). Hija responsabilità tal-imgħammdin kollha, fil-familji, fil-parroċċi, f'kull assoċjazzjoni jew moviment ekkleżjali. Hawnhekk il-Papa jesprimi l-gratitudni f'isem is-Sinodu lill-movimenti ekkleżjali u l-komunitajiet l-ġodda li huma forza qawwija fl-evanġelizzazzjoni ta' żminijietna (94). Il-Knisja ma tistax tillimita ruħha li tieħu ħsieb dawk li diġà jagħrfu l-Vanġelu imma trid tibqa' xxandru bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu (1 Kor 2, 5), tiddefendi d-dritt tal-bniedem li jisma' l-Kelma ta' Alla, tfittex metodi ġodda biex ixxandar, anke b'riskju ta' persekuzzjoni. Il-Knisja ma tistax ma xxandarx il-Kelma li ssalva lil dawk li qatt ma semgħuha jew lil dawk li jeħtieġ li jerġgħu jisimgħu mill-ġdid minn xhieda kredibbli tal-Vanġelu. Il-Papa hawn jiftakar f'dawk kollha li huma ppersegwitati minħabba l-fidi tagħhom fi Kristu, tant aħwa li anke fi żminijietna taw ħajjithom biex ixandru l-verità tal-imħabba ta' Alla murija lilna fi Kristu mislub u mqajjem mill-imwiet. B'mod partikulari jfakkar il-komunitajiet insara fl-Asja u fl-Afrika li spiss jirriskjaw l-emarġinazzjoni minħabba l-fidi tagħhom (95-98).

## Il-Kelma ta' Alla u d-dinja tallum

Il-Kelma ta' Alla ma timbuttax il-bniedem biex jaħrab mid-dinja imma tgħinu biex jimpenja ruħu favuriha, biex tinbena dinja aktar ġusta. Hija l-Kelma ta' Alla li fil-fatt tiddenunzja l-inġustizzji u tippromwovi s-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn il-bnedmin. L-impenn favur il-ġustizzja u t-trasformazzjoni tad-dinja hija parti sħiħa mill-evanġelizzazzjoni. Mhux kompitu dirett tal-Knisja li toħloq soċjetà aktar ġusta, anke jekk għandha d-dritt u d-dmir li tintervjeni fi kwistjonijiet etiċi u morali li jirrigwardaw il-ġid tal-persuni u tal-popli. Huwa kompitu tal-lajċi, imrawma fl-iskola tal-Vanġelu, li jaħdmu direttament fil-kamp soċjali u politiku billi jippromwovu id-drittijiet ta' kull persuna, imsejsa fuq il-liġi naturali miktuba fil-qalb tal-bniedem, drittijiet universali u inaljenabbli. Il-Kelma ta' Alla hija wkoll għajn ta' rikonċiljazzjoni u ta' paċi. Għal darb'oħra l-Papa jinsisti li r-reliġjon ma tista' qatt tagħti raġun lill-intolleranza u lill-gwerer. Ma' tista' qatt tuża l-vjolenza f'isem Alla (99-103).

Id-dokument igħaddi biex jitkellem mix-xandira tal-Kelma liż-żgħażagħ, lil dawk li qed ifittxu ħajja aħjar bogħod minn pajjiżhom, dawk li jbatu u l-foqra. Id-dinja żagħżugħa teħtieġ il-kuraġġ ta' xandira ċara. Iż-żgħażagħ jeħtieġu xhieda u mgħallma, li jimxu magħhom u li jmexxuhom biex iħobbu u jikkomunikaw huma stess b'mod awtentiku l-Vanġelu liż-żgħażagħ tamparhom. Il-movimenti tal-migranti joffru possibilitajiet għat-tixrid tal-Kelma ta' Alla. Huma wkoll għandhom id-dritt li jisimgħu x-xandira tal-Vanġelu. Jekk huma nsara jeħtieġu għajnuna pastorali biex jikbru fil-fidi. Il-Papa jħeġġeġ lill-insara jkunu qrib dawk li jbatu. Il-Kelma ta' Alla turina li anke ċ-ċirkustanzi tat-tbatija huma b'mod misterjuż fi ħdan l-imħabba ta' Alla. Il-fidi li titwieled mil-laqgħa mal-Kelma divina tgħinna nqisu l-ħajja umana bħala denja li tiġi mgħixha tajjeb, anke jekk feruta bil-ħażen. Id-djakonija tal-karità ma tista' qatt tiġi nieqsa mill-Knejjes tagħna; huwa qadi mlaqqam fis-smigħ tal-Kelma u fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Il-Knisja ma tistax tiġi nieqsa mill-għajnuna lejn il-foqra: ir-ragħajja huma msejħa jitgħallmu minnhom, imexxuhom fil-fidi tagħhom u jgħinuhom jieħdu r-riedni tal-ħajja f'idejhom. Hawnhekk il-Papa jitkellem ukoll mir-rabta li hemm bejn is-smigħ tal-Kelma u l-ħarsien tal-ħolqien u l-ambjent (104-108).

## Il-Kelma ta' Alla u l-evanġelizzazzjoni tal-kulturi

Id-dokument jappella għal tiġdid fil-laqgħa bejn il-Bibbja u l-kulturi. L-operaturi kulturali, jinsisti l-Papa, mgħandhomx jibżgħu mill-Kelma ta' Alla. Mhijiex theddida għal kultura vera. Il-Bibbja hija wkoll bħal kodiċi kbir għall-kulturi. Il-Papa jħeġġeġ l-promozzjoni tal-għarfien tal-Bibbja fl-iskejjel u l-universitajiet, bl-isforz li jiġu megħluba preġudizzji qodma u ġodda. Juri l-apprezzament tal-Knisja kollha għall-artisti li jħobbu l-ġmiel u li ħallew lilhom infushom jiġu ispirati mill-Iskrittura Mqaddsa u b'hekk esprimew b'mod sabiħ ir-realtajiet inviżibbli u eterni. Il-Papa jsejjaħ il-Knisja biex tikkwalifika l-impenn tagħha fil-medja biex jiġi magħruf il-wiċċ ta' Kristu u jinstema' leħnu. U dan anke fl-internet, forum ġdid għall-evanġelizzazzjoni (109-113). Meta jitkellem mill-evanġelizzazzjoni tal-kulturi l-Papa josserva li l-Kelma ta' Alla turi karattru profondament interkulturali, kapaċi li tlaqqa' kulturi diversi; l-inkulturazzjoni mhix proċess ta' addattament superfiċjali u lanqas konfużjoni sinkretistika li jdgħajjef il-Vanġelu biex jagħmlu aktar aċċettabbli.

## Il-Kelma ta' Alla u l-Evanġelizzazzjoni l-ġdida

Il-Kelma ta' Alla tbiddel il-limiti tal-kulturi individwali u toħloq għaqda bejn popli differenti. Issejjaħ għal għaqda aktar wiesgħa, universali, li tgħaqqad lil kulħadd u li tagħmilna lkoll aħwa (114-116).

Żmienna – jikkonkludi l-Papa – irid ikun dejjem aktar żmien ġdid għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla u ta' evanġelizzazzjoni ġdida, għaliex anke llum l-Irxoxt qiegħed jibgħatna fid-dinja kollha biex inxandru l-Vanġelu (Mk 16, 15). Meta nxandru il-Kelma ta' Alla bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, nixtiequ nikkomunikaw l-għajn tal-ferħ veru, mhux ferħ superfiċjali u li jgħaddi malajr, imma ferħ li jitwieled fil-għarfien li l-Mulej Ġesù biss għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem (Ġw 6, 68) (121-124).





# IL-KRISTJANEŻMU LI TWIELED MILL-ĠUDAJIŻMU (1)

***Rev Dr Martin Micallef OFMCap***

L-Iskrittura hija mezz li tista' tgħin biex l-Insara u l-Lhud jersqu aktar lejn xulxin. Dan minħabba li dak li aħna nsejħu bħala "it-Testment il-Qadim" jifforma parti kbira mill-Kitbiet li l-Knisja tqishom bħala "Ispirati", jiġifieri li għandhom 'l Alla bħala l-awtur ewlieni

tagħhom. Minkejja dan, din ir-relazzjoni intima bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid hija waħda komplessa.

F'din is-serje ta' artikli se nagħtu ħarsa lejn kif il-Kristjaneżmu twieled fi ħdan il-Ġudajiżmu, u x'kienu l-konsegwenzi tas-separazzjoni tal-Kristjaneżmu mill-Ġudajiżmu. Filwaqt li se nagħmlu dan, se naraw ukoll kif l-Iskrittura għalkemm tibqa' mezz li tista' tkompli tressaq lejn xulxin dawn iż-żewġ Reliġjonijiet, jekk ma noqogħdux attenti tista' wkoll tkun arma perikoluża li twassal biex dawn iż-żewġ Reliġjonijiet jitbiegħdu aktar minn xulxin.

## Il-Ġudajiżmu fil-*Perjodu tat-Tieni Tempju*

Fis-sens wiesa' nistgħu niddefinixxu l-*Ġudajiżmu* bħala l-ħajja, il-qima u l-fidi tal-poplu ta' Iżrael, sa minn żmien il-Patrijarki u l-Profeti.[1] Forsi biex inkunu aktar eżatt, bil-kelma *Ġudajiżmu* nirreferu għar-reliġjon Lhudija kif żviluppat wara r-ritorn tal-poplu mill-Eżilju tal-Babilonja fis-sena 538 Q.K.[2]

Fi żmien l-Eżilju, il-poplu tgħallem jgħix mingħajr it-Tempju ta' Ġerusalemm u s-sagrifiċċji li kienu jsiru ta' kuljum f'dan il-bini daqshekk għażiż. B'danakollu l-poplu baqa' jfittex li jkun magħqud permezz tas-Sinagoga, istituzzjoni ġdida li tfaċċat proprju f'dan iż-żmien.[3] F'dan *il-perjodu tat-Tieni Tempju,* kif inhu magħruf (538 Q.K. – 70 W.K.), il-Ġudajiżmu bħala reliġjon fissa ma kienx jeżisti. Minflok kien hemm bosta movimenti jew "setet" [bil-Grieg: *haireseis*] kif isejħilhom Ġużeppi Flavju, l-istoriku Lhudi tal-Ewwel Seklu.[4] Fost dawn kien hemm il-Fariżej, is-Sadduċej, l-Esseni u ż-Żeloti, biex ma nsemmux in-numru kbir ta' Lhud oħra li kienu jgħixu fid-*diaspora.*[5] Nistgħu nimmaġinaw li dawn il-gruppi ma kinux jaqblu f'kollox fil-viżjoni ta' dak li kellu jifforma t-Twemmin Lhudi. B'danakollu kien hemm bosta punti oħra komuni li fuqhom hu mibni dan *il-Perjodu tat-Tieni Tempju*. Fost dawn nistgħu nsemmu t-twemmin monoteistiku. Ta' kuljum il-Lhud kienu jitolbu bit-talba tas-*Shema*: "Isma', o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu" (Dewt 6, 4).[6]

Daqshekk ieħor kienet importanti l-konvinzjoni ta' Iżrael bħala l-poplu l-magħżul minn Alla, u l-mod kif Alla ntrabat magħhom u huma miegħu permezz tal-*Patt.* Il-bażi għal din l-għażla min-naħa tal-Mulej ma kinetx il-kobor ta' Iżrael jew il-perfezzjoni morali ta' dan il-poplu kif naqraw f'Dewt 9,6: "Kun af li mhux għax jistħoqqlok li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik din l-art tajba biex teħodha f'idejk, għax int poplu ta' ras iebsa." Minflok, kienet l-imħabba u l-fedeltà tiegħu: "Il-Mulej għażilkom għax ħabbkom u għax ried iżomm il-ħalfa li ħalef lil missirjietkom" (7, 8).[7]

F'rabta ma' dan kien hemm għalhekk il-ħarsien tal-Liġi *(Torah),* li kienet ġabra ta' kmandamenti u preċetti oħra li kienu jitkellmu fuq l-obbligi li dan il-poplu daħal għalihom permezz tal-Patt tagħhom ma' Alla. Il-Liġi kienet il-marka distintiva fl-identità ta' Iżrael kif ukoll *privileġġ* fil-ħajja ta' dan il-poplu li ġie maqtugħ minn popli oħra.[8] Dan il-privileġġ kellu jintwera l-aktar permezz taċ-ċirkonċiżjoni bħala marka meħtieġa biex wieħed jidħol jagħmel parti minn dan il-poplu.[9] Maċ-ċirkonċiżjoni kien hemm il-ħarsien ta' Jum is-Sibt[10] u l-liġijiet fuq l-ikel.[11]

## Twelid u Separazzjoni

L-Insara twieldu fi ħdan dan l-ambjent tal-Ġudajiżmu *ta' żmien it-Tieni Tempju.* Nistgħu kważi nqisu t-twelid ta' dan il-moviment ġdid bħala 'setta' oħra ma' dawk li diġà semmejna. Mal-waqgħa tat-Tempju u l-qerda tal-belt ta' Ġerusalemm fis-Sena 70 W.K., l-uniku grupp li kien baqa' minn fost dawk li jsemmi Ġużeppi Flavju kien dak tal-Fariżej. Dan il-grupp, taħt it-tmexxija ta' Joahnan ben Zakkai, twarrab fir-raħal żgħir ta' Ġamnia, daqs 35 mil 'il bogħod minn Ġerusalemm,

bil-għan li jibnu mill-ġdid il-Ġudajiżmu.

Dan kien żmien diffiċli fl-istorja ta' Iżrael. It-Tempju kien meqrud. Is-Sadduċej li kienu l-familji tal-Qassisin il-Kbar u li kellhom awtorità politika kbira, issa kienu ġew diskreditati f'għajnejn il-Lhud li baqgħu ħajjin wara l-ġlied imdemmi mar-Rumani. Il-partiti taż-Żeloti u tal-Esseni kienu kważi ġew meqrudin għal kollox. Li baqa' kien biss numru ta' Fariżej li flimkien ippruvaw jiġbru l-bċejjeċ li kien baqa' biex b'hekk jagħtu forma lil dak li minn issa 'l quddiem se nsejħulu bħala l-*Ġudajiżmu Rabbiniku,* kif baqa' magħruf matul l-istorja, mibni fuq l-importanza tal-Liġi u l-interpretazzjoni tagħha minflok fuq is-sagrifiċċji tat-Tempju.[12]

Dawn ir-Rabbini f'Ġamnia sabu ruħhom quddiem sitwazzjonijiet iebsa. Huma riedu jwieġbu għall-mistoqsija ta' x'kien ortodoss fir-reliġjon tagħhom u dak li ma kienx. Marbuta ma' din il-mistoqsija kien hemm il-kwestjoni tal-Kanone tal-Kotba Mqaddsa, jiġifieri, liema kienu dawk il-Kitbiet fit-Tradizzjoni Lhudija li kellhom jiġu aċċettati b'mod uffiċjali bħala l-Iskrittura.[13]

Il-Pentatewku, ħafna mill-Profeti, u bosta mis-Salmi ġew aċċettati bħala kanoniċi, jiġifieri, bħala parti mill-Kotba Mqaddsa, ħafna żmien qabel. Iżda kotba oħra, bħalma kien il-Ktieb ta' Danjel u l-Għanja tal-Għanjiet, ma kinux. Kien lejn l-aħħar tal-Ewwel Seklu jew Bidu tat-Tieni Seklu W.K., li dawn ir-Rabbini qablu bejniethom fuq id-39 ktieb li llum huma magħrufin bħala l-Iskrittura Lhudija jew it-Testment il-Qadim. Bosta kitbiet ta' xejra apokalittika ġew imwarrbin mir-Rabbini, aktarx minħabba l-biża' li setgħu jerġgħu jqajmu tamiet foloz li jkunu jixbhu lil dawk li wasslu biex Iżrael ġie meqrud mir-Rumani.

Jidher ukoll li kien f'dan l-istess żmien, jiġifieri, lejn tmiem l-Ewwel Seklu W.K., li dawn ir-Rabbini ħassew il-bżonn li jaqtgħu sinjal bejnhom u bejn il-Knisja tal-Bidu li bil-mod il-mod bdiet tevolvi f'reliġjon ġdida. L-Insara twieldu fi ħdan il-Ġudajiżmu, imma aktar ma beda għaddej iż-żmien, dawn aktar bdew isiru ta' theddida għall-Ġudajiżmu. Ma nafux iżda id-data eżatta, fejn jew għaliex saret il-firda bejn il-Knisja tal-Bidu u l-Ġudajiżmu Rabbiniku.[14] L-Evanġelista San Ġwann ħallielna ħjiel meta f'Ġw 9, 22 naqraw li l-ġenituri tar-raġel li kien twieled għama "beżgħu mil-Lhud, għax il-Lhud kienu ġa ftiehmu bejniethom li jekk xi ħadd jistqarr li Ġesù hu l-Messija, *jiġi mkeċċi barra mis-sinagoga.*" Hekk ukoll fi Ġw 12,42 naqraw li: "ħafna mill-kapijiet emmnu fih ukoll, iżda minħabba l-Fariżej dan ma stqarrewhx, biex *ma jitkeċċewx 'il barra mis-sinagoga.*"[15]

Jidher mela li wieħed mill-fatturi ewlenin li wassal għal din il-firda kien it-twemmin f'Ġesù Kristu bħala l-Iben ta' Alla. Dan it-twemmin deher ta' theddida għat-twemmin monoteistiku fil-Ġudajiżmu. Fattur ieħor li seta' wassal għall-firda tal-Insara minn mal-Ġudajiżmu Rabbiniku kien id-deċiżjoni min-naħa tal-moviment nisrani li jħassar kull distinzjoni bejn il-Lhud u l-Pagani. Din id-deċiżjoni tinħass l-aktar fl-Ittri ta' San Pawl fejn huwa jeħodha kontra min kien qed jipprova jimponi ċ-ċirkonċiżjoni fuq il-pagani li kienu tgħammdu.[16]

## Konklużjoni

Kien proprju f'dan iż-żmien ta' separazzjoni li nkitbu l-kitbiet tat-Testment il-Ġdid, speċjalment l-Evanġelji. Dan ifisser li dawk is-siltiet li xi drabi jidhru tant ħorox fuq il-mod kif jitkellmu fuq il-Lhud u l-Kapijiet tagħhom irridu nippruvaw ninterpretawhom fid-dawl ta' dan il-kuntest storiku. L-ewlenin Insara kienu jafu li l-Lhud huma l-ewwel poplu ta' Alla kif ukoll l-ewwel ħarriesa tal-Kotba Mqaddsa. Fl-istess ħin, iżda, huma juru wkoll kif il-Lhud kienu l-ewwel li ċaħdu lil Kristu u l-messaġġ tiegħu. Din kienet tema importanti ħafna minħabba li hija marbuta direttament mal-kwestjoni ta' min issa

hu l-poplu l-veru ta' Alla. Fuq dan il-punt nitkellmu fil-ħarġa li jmiss.

---

1 Għal aktar tagħrif fuq din id-definizzjoni, ara, James C. Vanderham, *Judaism,* in *The New Interpreter's Dictionary of the Bible,* vol. 3, Nashville 2008, 424-435.

2 Fuq dan il-punt, ara, Steven D. Fraade, *Palestinian Judaism,* in *The Anchor Bible Dictionary,* vol. 3, New York 1992, 1054-1061.

3 Imqarr wara r-ritorn mill-Eżilju u l-bini tat-Tempju f'Ġerusalemm, Iżrael żamm din il-forma ġdida u populari ta' espressjoni reliġjuża, għalkemm is-Sinagoga qatt ma tqieset bħala sostitut tat-Tempju. Fuq l-oriġini u l-iżvilupp tas-Sinagoga fil-ħajja ta' Iżrael, ara, Marianne Blickenstaff, *Synagogue,* in *The New Interpreter's Dictionary of the Bible,* vol. 5, Nashville 2009, 416-427.

4 Ara *Ant.* 13.171; *War* 2.118.

5 Dwar dawn is-setet, ara, Christopher Rowland, *Christian Origins. The Setting and Character of the Most Important Messianic Sect of Judaism,* London ²2002, 61-85.

6 Ara wkoll Eż 20, 3 il-mod li bih jibdew il-Kmandamenti: "Ma jkollokx allat oħra għajri." Għal aktar tagħrif ara, J. Alberto Soggin, *Israel in the Biblical Period: Institutions, Festivals, Ceremonies, Rituals,* Edinburgh – New York 2001, 40-54.

7 Dwar il-Patt li Alla waqqaf mal-poplu tiegħu, ara, Rolf Rendtorff, *The Covenant Formula: An Exegetical and Theological Investigation,* Edinburgh 1998.

8 Għal aktar tagħrif ara, Horst Dietrich Preuss, *Old Testament Theology,* vol. 1, Edinburgh 1991, 40-138.

9 Ara Ġen 17, 9-14. Fuq l-oriġini u l-importanza taċ-ċirkonċiżjoni fil-ħajja tal-poplu ta' Iżrael, ara, Robert G. Hall, *Circumcision,* in *The Anchor Bible Dictionary,* vol. 1, New York 1992, 1025-1031.

10 Ara Ġen 2, 2-3; Eż 20, 8-11 bħala kmandament li jsib l-oriġini tiegħu fil-ħolqien stess. Għal aktar dettalji ara, Andreas Schuelle, *Sabbath,* in *The New Interpreter's Dictionary of the Bible,* vol. 5, Nashville 2009, 3-10.

11 Fuq l-importnaza ta' dawn il-liġijiet ara Lev 11, 1-23; Dewt 14,3-21.

12 Fuq dan il-perjodu u fuq dak li ġara f'Ġamnia, ara, Fréderic Manns, *John and Jamnia: How the Break Occurred Between Jews and Christians C. 80-100 A.D.,* Jerusalem ²1988.

13 Għal studju tajjeb fuq l-istorja tal-Kanone tal-Iskrittura, ara, Lee Martin McDonald, *The Biblical Canon: Its Origin, Transmission, and Authority,* Peabody/ Massachusetts 2007.

14 Għal tweġibiet fuq dawn il-mistoqsijiet, ara, James D. G. Dunn, *The Partings of the Ways Between Christianity and Judaism and their Significance for the Character of Christianity,* London ²2006, speċjalment 301-338.

15 Dwar dawn iż-żewġ testi mill-Evanġelju skont San Ġwann ara, Celestino G. Lingad, *The Problems of Jewish Christians in the Johannine Community* (= Testi Gregoriana Serie Teologia 73), Rome 2001.

16 Għal studju tajjeb fuq kif San Pawl ħares lejn din il-kwestjoni ara, Herman Ridderbos, *Paul, An Outline of His Theology,* Grand Rapids/MI 1997.



*Mudell tat-Tieni Tempju*



# "DEMM TA' KRISTU, SAKKARNI" RIFLESSJONI MILL-EVANĠELJU

**Dun Pawl Sciberras**

Imdorrijin ngħidu: "Demm ta' Kristu, ħeġġiġni". L-invokazzjoni mit-talba *Ruħ ta' Kristu* ta' Sant'Injazju ta' Loyola li ngħidu spiss wara t-tqarbin titlef xi ftit mill-qawwa tagħha bil-Malti. Fit-talba mill-isbaħ u mill-aktar profonda bil-Latin, magħrufa bħala *Anima Christi*, insibu: "Sanguis Christi, inebria me - Demm ta' Kristu, sakkarni". Anke bl-Ingliż, din l-invokazzjoni qiegħda: "Blood of Christ, inebriate me". Għaliex nitolbu lil Ġesù "jsakkarna" bid-Demm

tiegħu? Xtaqt nagħmel riflessjoni qasira fuq ir-relazzjoni li hemm bejn id-Demm ta' Kristu mxerred għalina fuq is-salib u mogħti lilna fit-tqarbin u s-sokor li rridu li nkunu sakrana bih meta nirċevuh.

Fl-evanġelju ta' S. Mattew 11,19 insibu: "Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u qegħdin jgħidu, 'Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u l-midinbin'". Ġesù, Bin il-bniedem, jiġi mgħajjar bħala wikkiel u sakranazz. Imma jiġi spjegat ukoll x'riedu jgħidu b'wikkiel u sakranazz. Fil-Grieg it-tgħajjira ta' "ħabib tal-pubblikani u l-midinbin" trid tispjega t-tgħajjira l-oħra ta' "wikkiel u sakranazz", billi huma mqiegħda ma' ġenb xulxin mingħajr ma l-evanġelista joqgħod jgħid li tat-tieni trid tfisser l-ewwel waħda. Ġesù jgħid lin-nies: "Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u qegħdin jgħidu, 'Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz, *għax* ħabib tal-pubblikani u l-midinbin."

Ġesù hu sakranazz għax hu l-ħabib tal-pubblikani u tal-midinbin. Aktarx li għalina li tgħid lil xi ħadd sakranazz mhix xi ħaġa kbira ħafna. Imma meta qaluha lil Ġesù kienet tgħajjira qawwija tassew. Il-kelma sakranazz fl-Aramajk, il-lingwa li biha kien jitkellem Ġesù, kienet *xetuj ħamra*'. Fil-kummentarju tar-rabbbini, it-Talmud, *xetuj ħamra*', wieħed li jixrob l-inbid, sakranazz, hu kkunsidrat l-istess bħal dak li jagħmel l-użura (isellef il-flus b'imgħaxijiet għolja ħafna) u wieħed li jrabbi l-ħnieżer (ara *pXeqalim* 3,47c,3). L-użura kellha kundanni kbar minn Alla nnifsu fil-Bibbja (ara Eżek 18,8.13.17; 22,12-14; ara wkoll Lev 25,36-37; Salm 15,5).

Għal-Lhud, bħalma għandha tkun għal kulħadd, l-użura kienet xi ħaġa tassew tal-mistħija. Billi l-ħanżir kien wieħed mill-annimali impuri (Lev 11,7), min kien irabbihom kien ikun meqjus bħala bniedem li jagħmel hu stess xogħol impur u tal-mistħija. Ma kienx jista' jitħallat mal-bqija tal-poplu, ma seta' qatt jidħol fit-tempju. Mela li Ġesù ġie mgħajjar sakranazz kien ifisser li kien meqjus bħala bniedem impur, tal-mistħija, skandaluż, ma kellux ikollu x'jaqsam mal-poplu ta' Alla - hu li kien il-ħellies tal-bnedmin kollha.

Kien akkużat b'din l-imġiba tal-mistħija u meqjus bħala wieħed li ma kellux ikollu x'jaqsam mal-poplu ta' Alla għax kien ħabib tal-pubblikani u tal-midinbin. Li tkun ħabib tal-midinbin kien ifisser li int wieħed minnhom. Ġesù, dak li kellu jxerred demmu kollu biex jifdi lill-midinbin kollha, jiġi mgħajjar bħala midneb hu stess. Skont il-profeta Isaija 53 hu "rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna ... Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna ... Il-ħażen tagħhom jitgħabba bih hu ... għaliex hu offra ruħu għall-mewt, u kien magħdud mal-midinbin. Hu li neħħa l-ħtijiet tal-kotra, u ndaħal għall-midinbin." Tassew, Ġesù sar wieħed minna l-midinbin,

sar bħalna l-midinbin, imma biex jeħlisna mill-ħtijiet tagħna. Hu stess stqarr li "jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema" (Lq 5,32). Li jkun ħaġa waħda mal-midinbin kienet il-missjoni ewlenija tiegħu, biex, bl-għotja sal-aħħar qatra ta' demmu fuq is-salib, ikun jista' jeħlisna minn ħtijietna u jerġa' jagħmilna wlied Alla.

San Pawl jagħti qawwa kbira lil dan it-twaħħid ta' Ġesù mal-midinbin. "Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla" (2 Kor 5,21). "Ħafrilna dnubietna kollha. Ħassar il-kont tad-dejn li kellna bl-obbligi li kien hemm kontrina; neħħih min-nofs u sammru mas-salib" (Kol 2,13-14). Ġesù sar wieħed magħna l-midinbin.

Talli għamel hekk ġie mgħajjar "sakranazz", bniedem skandaluż daqs min jagħmel l-użura jew irabbi annimali meqjusa impuri u għalhekk impur hu wkoll. Ġie mgħajjar hekk għax kien jiekol u jixrob ma' nies midinba (Lq 5,30; 15,1-2), għax kien jaċċetta l-istedina tagħhom li jidħol jistrieħ għandhom (Lq 19,7), għax kellu miegħu dixxipli bħal Levi-Mattew li kienu pubblikani, nies li jiġbru t-taxxi għar-Rumani, meqjusa nies mill-agħar u impuri (Lq 5,30). Għal din l-imġiba ta' Ġesù l-kittieba, il-Fariżej u anke n-nies l-oħra kienu jgergru (Lq 5,30; 15,2 u 19,7). Anke għal Mosè kienu "gergru" (Num 14,2). Imma t-tgergir kontra Mosè, kontra l-mibgħuta l-oħra ta' Alla, bħall-profeti, u kontra Ġesù ma kienx biss tgergir kontra dawn il-persuni imma kontra Alla nnifsu. Kien hu li bagħathom b'dik il-missjoni. Min gerger kontra l-imġiba ta' Ġesù u għajru "sakranazz" kien qiegħed joħodha kontra Alla nnifsu u jqis lil Ġesù bħala bniedem midneb.



Għal dan it-tgergir u dan it-tgħajjir serju ta' "sakranazz", b'dak kollu li għidna li jfisser, Ġesù mhux talli ma jibqax jagħmilha mal-midinbin, talli jċarċar demmu kollu għalihom, għalina. Id-demm li xerred fuq is-salib u li jagħti lilna biex nixorbu kuljum fl-Ewkaristija hu d-demm tal-imħabba sal-aħħar. Fit-talba ta' Sant'Injazju lil Ġesù, anzi lid-Demm li xerred għalina, nitolbuh li "jsakkarna" bih. Nitolbuh li jagħmilna "sakranazzi" bħalma għajru lilu. Inkunu qegħdin nitolbuh li nkunu bħalu, nħobbu lill-oħrajn sal-aħħar qatra ta' demmna, jekk hemm bżonn, b'mod speċjali lil dawk li l-aktar għandhom bżonn.

Demm ta' Kristu, sakkarna bl-imħabba tiegħek!


Fl-Art Imqaddsa
mal-Franġiskani - 2011
18 Mejju – 26 Mejju
20 Lulju – 28 Lulju
3 Awwissu – 11 Awwissu
24 Awwissu – 1 Settembru
7 Settembru – 15 Settembru
Art Imqaddsa u Sinaj
3 Novembru – 13 Novembru
Sirja u Ġordan
7 Ġunju – 18 Ġunju
Ikteb jew ċempel:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254







